IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 3.2.2014
COM(2014) 38

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

# RAPPORT TAL-UE KONTRA L-KORRUZZJONI

# I. Introduzzjoni

## *L-isfond tal-politika u l-objettivi tar-Rapport*

Il-korruzzjoni hi ta' dannu gravi għall-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm hi. Ħafna pajjiżi madwar id-dinja jbatu minn korruzzjoni profonda li tfixkel l-iżvilupp ekonomiku, timmina d-demokrazija, u hi ukoll ta' dannu għall-ġustizzja soċjali u l-istat tad-dritt. L-Istati Membri tal-UE mhumiex immuni għal din ir-realtà. Il-korruzzjoni tvarja fin-natura u fil-firxa minn pajjiż għal ieħor, iżda taffettwa lill-Istati Membri kollha. Hija taffettwa l-governanza tajba, il-ġestjoni tajba tal-fondi pubbliċi, u s-swieq kompetittivi. F'każijiet estremi, hija timmina l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet u fil-proċessi demokratiċi.

Dan ir-Rapport jipprovdi analiżi tal-korruzzjoni fl-Istati Membri tal-UE u tal-passi meħuda biex din titwaqqaf u tiġi miġġielda. Għandu l-għan li jniedi dibattitu li jinvolvi l-Kummissjoni, l-Istati Membri, il-Parlament Ewropew u partijiet interessati oħra biex jassistu x-xogħol li qed isir kontra l-korruzzjoni u biex jiġu identifikati modi kif id-dimensjoni Ewropea tista' tgħin.

L-Istati Membri tal-UE għandhom fis-seħħ il-biċċa l-kbira tal-istrumenti legali neċessarji u l-istituzzjonijiet sabiex jimpedixxu u jiġġieldu l-korruzzjoni. Madankollu, ir-riżultati li huma jwasslu mhuwiex sodisfaċenti madwar l-UE. Regoli kontra l-korruzzjoni mhux dejjem qed jiġu infurzati b'mod vigoruż, problemi sistemiċi mhumiex indirizzati b'mod effettiv biżżejjed, u l-istituzzjonijiet rilevanti mhux dejjem ikollhom kapaċità suffiċjenti biex jinfurzaw ir-regoli. L-intenzjonijiet iddikjarati għadhom distanti wisq milli jinkisbu riżultati konkreti, u r-rieda politika ġenwina li teqred il-korruzzjoni ta' spiss tidher li hija nieqsa.

Biex tiżgura kontribuzzjoni mill-UE, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni fl-UE f'Ġunju 2011,[1] li tistabbilixxi r-Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-isforzi tal-Istati Membri f'dan il-qasam bl-għan li jkun hemm impenn politiku aktar b'saħħtu sabiex il-korruzzjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv. Ir-rapport huwa hawnhekk ppubblikat għall-ewwel darba; rapporti oħra se jinħarġu kull sentejn.

Skont strumenti legali internazzjonali,[2] dan ir-rapport jiddefinixxi l-korruzzjoni f'sens wiesa' bħala "l-abbuż ta' poter għal profitt privat". Għalhekk ikopri atti speċifiċi ta' korruzzjoni u dawk il-miżuri li l-Istati Membri jieħdu speċifikament biex jipprevjenu jew jikkastigaw atti korrotti kif definiti mil-liġi, u jsemmi wkoll firxa ta' oqsma u miżuri li jkollhom impatt fuq ir-riskju ta' korruzzjoni li jseħħu u fuq il-kapaċità li jikkontrollawha.

Ir-rapport jiffoka fuq ċerti kwistjonijiet ewlenin ta' rilevanza partikolari għal kull Stat Membru. Huwa jiddeskrivi prattiki tajbin kif ukoll id-dgħufijiet, u jidentifika l-passi li se jippermettu lill-Istati Membri jindirizzaw il-korruzzjoni b'mod aktar effettiv. Il-Kummissjoni tirrikonoxxi li xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet huma biss ta' kompetenza nazzjonali. Huwa, madankollu, fl-interess komuni tal-Unjoni biex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkollhom politiki effiċjenti kontra l-korruzzjoni u li l-UE tappoġġja l-Istati Membri fit-twettiq ta' dan ix-xogħol. Ir-rapport għalhekk ifittex li jippromwovi standards għoljin kontra l-

1 http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0308:FIN:MT:PDF .

2 L-aktar il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni, kif ukoll l-istrumenti legali kontra l-korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, inkluża r-Riżoluzzjoni (97) 24 dwar l-għoxrin Prinċipju ta' Gwida għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u r-rakkomandazzjonijiet Nru. R (2000) 10 dwar kodiċijiet ta' kondotta għal uffiċjali pubbliċi u N o. R (2003)4 dwar regoli komuni kontra l-korruzzjoni fil-finanzjament ta' partiti politiċi u kampanji elettorali.

korruzzjoni mal-UE. Billi jenfasizza problemi — kif ukoll prattiki tajba — li jinsabu fl-UE, ir-rapport isellef ukoll l-kredibbiltà għall-isforzi tal-UE biex tippromwovi standards kontra l-korruzzjoni fi bnadi oħra.

Il-korruzzjoni hija fenomenu kumpless b'dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali, politiċi u kulturali, li ma jistgħux jiġu eliminati faċilment. Rispons ta' politika effettiv ma jistax jitnaqqas għal sett standard ta' miżuri; m'hemm l-ebda soluzzjoni "standard". Ir-rapport għalhekk jeżamina l-korruzzjoni fil-kuntest nazzjonali ta' kull Stat Membru, u jissuġġerixxi kif l-aktar kwistjonijiet rilevanti għal kull Stat Membru jistgħu jiġu indirizzati fil-kuntest nazzjonali.

Spjegazzjoni ulterjuri dwar il-metodoloġija tar-rapport hija pprovduta fl-Anness.

***Il-kuntest usa' tal-politika***

Il-**kriżi finanzjarja** tqiegħed pressjoni addizzjonali fuq l-Ewropej u l-gvernijiet tagħhom. Fid-dawl tal-isfidi ekonomiċi attwali kemm fl-Ewropa kif ukoll barra mill-Ewropa, huma meħtieġa garanziji aktar b'saħħithom ta' integrità u trasparenza tan-nefqa pubblika. Iċ-ċittadini jistennew li l-UE jkollha rwol importanti fl-għajnuna lill-Istati Membri biex jipproteġu l-ekonomija leċita kontra l-kriminalità organizzata, il-frodi finanzjarja u fiskali, il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni, mhux l-inqas fi żminijiet ta' kriżi ekonomika u awsterità baġitarja. Il-korruzzjoni waħedha tiswa lill-ekonomija tal-UE EUR 120 biljun fis-sena, ftit inqas biss mill-baġit annwali tal-Unjoni Ewropea.[3]

Ewropa 2020 hija l-**istrateġija tal-UE għat-tkabbir** tul dan id-deċennju għat-trawwim ta' ekonomija intelliġenti, sostenibbli u inklużiva, u b'hekk tgħin lill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex jagħtu livelli għoljin ta' impjiegi, produttività u koeżjoni soċjali. Ir-riċerka tissuġġerixxi li s-suċċess tal-istrateġija Ewropa 2020 jiddependi wkoll fuq fatturi istituzzjonali bħal governanza tajba, l-istat tad-dritt, u l-kontroll ta' korruzzjoni.[4] Il-ġlieda kontra l-korruzzjoni tikkontribwixxi għall-kompetittività tal-UE fl-ekonomija globali. F'dak il-kuntest, il-miżuri kontra l-korruzzjoni ġew enfasizzati fir-rigward ta' għadd ta' Stati Membri bħala parti mis-Semestru Ewropew — ċiklu annwali ta' koordinazzjoni tal-politika ekonomika li tinvolvi analiżi dettaljata ta' programmi tal-Istati Membri dwar ir-riforma ekonomika u strutturali kif ukoll rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. B'mod aktar ġenerali, it-titjib fl-effiċjenza tal-amministrazzjoni pubblika, speċjalment jekk ikkumbinat ma' trasparenza akbar, jista' jgħin għat-tnaqqis tar-riskji marbuta mal-korruzzjoni. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni għal Rinaxximent Industrijali Ewropew ta' Jannar 2014 għalhekk tqiegħed enfasi fuq il-kwalità tal-amministrazzjoni bħala aspett importanti tal-istrateġija dwar it-tkabbir tal-UE.[5]

***Struttura tar-rapport***

---

3 Il-kost ekonomiku totali tal-korruzzjoni ma jistax jiġi kkalkulat malajr. Iċ-ċifra ċċitata hija msejsa fuq stimi magħmulin minn istituzzjonijiet u korpi speċjalizzati, bħall-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ, it-Transparency International, il-Patt Globali tan-NU, il-Forum Ekonomiku Dinji, il-Clean Business is Good Business, 2009, li jissuġġerixxu li l-korruzzjoni tammonta għal 5 % tal-PDG fil-livell dinji. Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni fl-UE tas-6 ta' Ġunju 2011: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0308:FIN:MT:PDF .

4 L-eċċellenza fl-Amministrazzjoni Pubblika għall-kompetittività fl-Istati Membri tal-UE (2011-2012): http://ec.europa.eu/enterprise/policies/industrial-competitiveness/monitoring-member-states/improving-public-administration/

5 COM(2014)14.

Ir-Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni jkopri t-28 Stat Membru tal-UE kollha. L-istruttura tiegħu hu:

I. **Introduzzjoni,** li tippreżenta l-isfond politiku u l-għanijiet.

II. Ir-riżultati ta' **stħarriġ tal-Ewrobarometru** tal-2013 dwar il-perċezzjonijiet tal-korruzzjoni u l-esperjenza ta' korruzzjoni.

III. **Kapitolu orizzontali,** li jiddeskrivi x-xejriet marbuta mal-korruzzjoni madwar l-UE. Dan jiġbor fil-qosor is-sejbiet ewlenin. Il-konklużjonijiet u s-suġġerimenti għal passi futuri għal kull Stat Membru huma stabbiliti (biss) fil-kapitoli tal-pajjiżi rispettivi.

IV. **Kapitolu tematiku,** li jiffoka fuq kwistjoni transversali ta' rilevanza partikolari fil-livell tal-UE. Il-kwistjoni li qed tiġi enfasizzata f'dan l-ewwel rapport hija l-akkwist pubbliku, li huwa ta' importanza kruċjali għas-suq intern; huwa kopert minn leġiżlazzjoni estensiva tal-UE, u soġġett għal bosta riskji ta' korruzzjoni. Il-Kapitolu jkopri l-korruzzjoni u l-miżuri kontra l-korruzzjoni fis-sistemi nazzjonali tal-akkwist pubbliku.

V. **Anness dwar il-metodoloġija,** li jiddeskrivi kif ir-rapport ġie ppreparat kif ukoll l-għażliet metodoloġiċi u l-limitazzjonijiet.

VI. **Kapitoli dwar il-pajjiżi,** li jkopru kull wieħed mit-28 Stat Membru. Dawn il-kapitoli ma jipprovdux deskrizzjoni eżawrjenti ta' kwistjonijiet marbuta mal-korruzzjoni u l-miżuri kontra l-korruzzjoni. Minflok, dawn jenfasizzaw kwistjonijiet ewlenin magħżula identifikati permezz ta' valutazzjoni individwali ta' kull pajjiż fuq il-merti tiegħu u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kuntest nazzjonali.

   a) **Introduzzjoni,** li tipprovdi stampa tas-sitwazzjoni ġenerali dwar il-korruzzjoni. Hija tippreżenta indikaturi magħżula inklużi perċezzjonijiet, flimkien ma' fatti, ix-xejriet, l-isfidi u l-iżviluppi rilevanti għall-korruzzjoni u l-miżuri kontra l-korruzzjoni.

   b) **Kwistjonijiet enfasizzati**. Bosta kwistjonijiet huma identifikati u analizzati għal kull pajjiż. Filwaqt li l-enfasi hija fuq vulnerabbiltajiet u oqsma fejn jista' jsir titjib, l-analiżi tħares 'il quddiem u tipponta lejn pjanijiet u miżuri li jmorru fid-direzzjoni t-tajba, u tidentifika kwistjonijiet li jeħtieġu aktar attenzjoni. Huma enfasizzati prattiki tajbin li jistgħu jkunu ta' ispirazzjoni għal oħrajn. Il-firxa ta' kwistjonijiet enfasizzati mhijiex limitata għall-materji koperti mill-kapitolu tematiku (akkwist pubbliku). Xi kapitoli dwar il-pajjiżi madankollu, jinkludu analiżi speċifika tal-akkwist pubbliku; dan huwa l-każ għal pajjiżi fejn ġew identifikati problemi sostanzjali rigward l-akkwist pubbliku.

   L-għażla ta' kwistjonijiet ewlenin f'kull kapitolu tal-pajjiż hija bbażata fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

   - is-severità u l-impatt tal-problema fir-rigward tal-isfidi oħrajn marbuta mal-korruzzjoni fil-pajjiż;
   - l-iskala tar-riperkussjonijiet potenzjali għal firxa usa' ta' politiki (pereżempju, lakuni ewlenin fil-kontrolli tal-akkwist pubbliku joħolqu riskju sinifikanti ta' devjazzjoni tal-fondi pubbliċi) u

- l-abbiltà li tindika lejn passi konkreti għall-ġejjieni.

***Passi futuri u s-segwitu***

Il-punti għal aktar attenzjoni stabbiliti f'kull kapitolu tal-pajjiż jirriflettu t-tentattiv tal-Kummissjoni li tidentifika miżuri li x'aktarx jagħtu **valur miżjud** fl-indirizzar ta' kwistjonijiet pendenti ewlenin fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Huma mfassla skont il-kuntest u l-ħtiġijiet ta' kull pajjiż. Huma konkreti u mmirati, mingħajr ma wieħed jidħol f'dettall eċċessiv, u mmirati lejn bidliet tanġibbli fuq il-post. Ir-rapport, fejn rilevanti, huwa bbażat fuq u jappoġġa r-**rakkomandazzjonijiet diġà fformulati minn mekkaniżmi oħrajn ta' rappurtar ta' korruzzjoni** (b'mod partikolari l-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa — GRECO — u l-OECD), li wħud minnhom għadhom ma ġewx segwiti mill-Istati Membri.

Bħala segwitu għal dan ir-rapport, il-Kummissjoni tixtieq li tipparteċipa b'mod kostruttiv, f'dibattitu li jħares 'il quddiem dwar l-aħjar modi biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni, b'mod partikolari dwar il-punti li hija identifikat għal aktar attenzjoni. Il-Kummissjoni tispera li tara dibattitu wiesa' dwar miżuri kontra l-korruzzjoni b'parteċipazzjoni attiva tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew, tal-parlamenti nazzjonali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili, u tistenna bil-ħerqa biex hi nnifisha tipparteċipa b'mod attiv f'diskussjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fl-Istati Membri.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni beħsiebha tistabbilixxi **programm ta' qsim ta' esperjenzi reċiproka** għall-Istati Membri, għall-NGOs lokali u partijiet interessati oħra biex jiġu identifikati l-aħjar prattiki u jingħelbu n-nuqqasijiet f'politiki kontra l-korruzzjoni, joħolqu sensibilizzazzjoni jew jipprovdu t-taħriġ. Dawn l-isforzi għandhom ikunu marbuta ma' kwistjonijiet ta' attenzjoni li jinsabu fir-rapport, u jiffaċilitaw l-azzjoni ta' segwitu. Il-programm ta' qsim ta' esperjenzi reċiproka se jitnieda wara l-adozzjoni tar-rapport, li jibni fuq ir-rispons mogħti u d-diskussjoni mal-partijiet interessati dwar il-ħtiġijiet speċifiċi li jista' jindirizza.

Il-Kummissjoni bi ħsiebha tanalizza bir-reqqa r-rispons fir-rigward ta' dan l-ewwel rapport, tirrifletti dwar lakuni u żbalji potenzjali, u tislet it-tagħlimiet għat-tieni rapport. Il-metodoloġija se tkun riveduta, u għandha tingħata konsiderazzjoni addizzjonali għall-possibbiltà li jiġu żviluppati indikaturi ta' korruzzjoni.

Ix-xogħol tal-futur se jħares lejn kwistjonijiet bħal pereżempju kif il-miżuri suġġeriti f'dan l-ewwel rapport ġew implimentati, u jiġu kkunsidrati r-riżultati tal-programm ta' qsim ta' esperjenzi

# II. Ir-riżultati ta' stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar il-perċezzjonijiet tal-korruzzjoni u l-esperjenza ta' korruzzjoni

Żewġ stħarriġiet tal-Ewrobarometru saru bi tħejjija għar-Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni kmieni fl-2013: l-"Istħarriġ fil-Qosor" 1) tal-Ewrobarometru Speċjali[6] u 2) iffokat fuq in-

6 Stħarriġ li jsir fost il-popolazzjoni ġenerali fl-Istati Membri kollha kull sentejn, ibbażat fuq intervisti wiċċ imb' wiċċ b'kampjun ta' 1000 jew 500 persuna li jwieġbu (skont id-daqs tal-popolazzjoni). Total ta' 27 786 persuna (kampjun rappreżentattiv) ipparteċipaw f'dan l-istħarriġ lejn l-aħħar ta' Frar u kmieni f'Marzu tal-2013. L-istħarriġ ittratta *inter alia* il-perċezzjoni tal-korruzzjoni b'mod ġenerali, l-esperjenza personali mal-korruzzjoni kif ukoll l-attitudnijiet lejn favuri u rigali. Filwaqt li l-istħarriġiet tal-Ewrobarometru qed isiru kull sentejn mill-2007, il-Kummissjoni ddeċidiet fl-2013 li tfassal il-mistoqsijiet għall-ħtiġijiet ta' dan ir-rapport. Għalhekk, kwalunkwe tqabbil mas-snin ta' qabel għandu

negozju[7]. Għal bosta pajjiżi, l-indiċi CPI[8] ippubblikat minn Transparency International għandu t-tendenza li jikkorrispondi għal tweġibiet mogħtija minn dawk li wieġbu għall-Ewrobarometru.

Meta wieħed ipoġġi flimkien id-dejta tal-Ewrobarometru Speċjali, l-ewwel dwar perċezzjonijiet ġenerali tal-prevalenza ta' korruzzjoni u t-tieni dwar l-istennija fil-fatt li wieħed iħallas għal xi tixħim (esperjenza personali f'tixħim), huwa ċar li l-Istati Membri jistgħu jiġu kkaratterizzati b'modi differenti.

It-tweġibiet jikkonfermaw perċezzjoni pożittiva u esperjenza ta' tixħim baxxa fil-każ tad-**Danimarka, il-Finlandja, il-Lussemburgu u l-Isvezja**. Dawk li wieġbu f'dawn il-pajjiżi rarament indikaw li kienu mistennija li jħallsu għal tixħim (inqas minn 1 % tal-każijiet) u n-numru ta' persuni li jaħsbu li l-korruzzjoni hi mifruxa (20 %, 29 %, 42 % u 44 % rispettivament) huwa b'mod sinifikanti iktar baxx mill-medja tal-UE. Fil-każ tar-**Renju Unit**, 5 persuni bisa minn 1115 kienu mistennija li jħallsu għal xi tixħim (anqas minn 1 %), li juru l-aħjar riżultat fl-Ewropa kollha; madankollu, id-dejta ta' perċezzjoni turi li 64 % ta' dawk li wieġbu fir-Renju Unit jaħsbu li l-korruzzjoni hi mifruxa fil-pajjiż (il-medja tal-UE hi 74 %).

F'pajjiżi bħall-**Ġermanja, l-Olanda, il-Belġju, l-Estonja u Franza**, filwaqt li aktar minn nofs il-persuni li wieġbu jaħsbu li l-korruzzjoni hija fenomenu mifrux sew, in-numru attwali ta' persuni li kellhom iħallsu tixħima huwa baxx (madwar 2 %). Dawn il-pajjiżi wkoll jidhru fost dawk li kellhom prestazzjoni tajba fl-Indiċi Internazzjonali ta' Trasparenza. L-Awstrija taqsam karatteristċi simili ma' dan il-grupp bl-eċċezzjoni ta' numru pjuttost għoli ta' dawk li wieġbu (5 %) li rrapportaw li kienu mistennija li jħallsu tixħima.

F'xi pajjiżi għadd relattivament għoli ta' persuni indikaw li kellhom esperjenza personali b'tixħim, iżda b'konċentrazzjoni ċara fuq numru limitat ta' setturi, inkluż l-**Ungerija (13 %), is-Slovakkja (14 %) u l-Polonja (15 %).** F'dawn il-pajjiżi, settur wieħed, l-aktar il-kura tas-saħħa, jipprovdi l-parti l-kbira ta' każijiet ta' tixħim. Hemm evidenza li l-problemi strutturali fil-kura tas-saħħa jipprovdu inċentivi għall-ħlas ta' tixħim għal persunal mediku. Fil-fatt, fil-pajjiżi kollha msemmija, it-tweġiba dettaljata turi li l-kura tas-saħħa hija msemmija mill-ogħla numru ta' individwi, filwaqt li l-istituzzjonijiet l-oħra kollha jew is-setturi (eż. il-pulizija, id-dwana, il-politiċi, servizzi ta' prosekuturi pubbliċi, eċċ) issemmew b'inqas minn 1 % ta' dawk li wieġbu. Il-korruzzjoni f'sens usa' hi meqjusa bħala mifruxa f'dawn il-pajjiżi (82 % fil-Polonja, 89 % fl-Ungerija u 90 % fis-Slovakkja).

F'ċerti pajjiżi, inklużi l-**Portugall, is-Slovenja, Spanja u l-Italja**, it-tixħim jidher li hu rari iżda l-korruzzjoni f'sens iktar wiesa' hi ta' tħassib serju: għadd relattivament żgħir ta' dawk li wieġbu stqarrew li ġew mitluba jew mistennija li jħallsu għal tixħim fl-aħħar 12-il xahar. Filwaqt li esperjenza personali ta' tixħim hija apparentement rari (1-3 %), il-perċezzjoni hija tant influwenzata mill-iskandli politiċi riċenti u l-kriżi finanzjarja u ekonomika li dan huwa rifless fl-impressjoni negattiva ta' dawk li wieġbu dwar is-sitwazzjoni globali tal-korruzzjoni (90, 91, 95 u 97 % rispettivament).

---

jsir b'kawtela. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq is-sit http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/eb_special_399_380_en.htm#397.

7 Stħarriġ ibbażat fuq it-telefown, l-hekk imsejjaħ Stħarriġ Flash tal-Ewrobarometru, kien mifrux fuq sitt setturi fl-UE28, u tnieda għall-ewwel darba fl-2013, u sar bejn it-18 ta' Frar u t-8 ta' Marzu. In-negozji mis-setturi tal-enerġija, tal-kura tas-saħħa, tal-kostruzzjoni, tal-manifattura, tat-telekomunikazzjonijiet u tas-setturi finanzjarji (kumpaniji ta' kull daqs) intalbu jipprovdu l-opinjoni tagħhom. Ir-rapport sħiħ jinsab fuq is-sit http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/flash_arch_374_361_en.htm#374

8 L-Indiċi dwar il-Perċezzjoni tal-Korruzzjoni (CPI) hu ppubblikat kull sena minn Transparency International: http://cpi.transparency.org/cpi2013/.

Il pajjiżi li baqgħu lura fil-punteġġi kemm dwar il-perċezzjonijiet kif ukoll dwar l-esperjenza attwali ta' korruzzjoni, jinkludu l-**Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, il-Litwanja, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Greċja.** F'dawn il-pajjiżi, bejn 6 % u 29 % ta' dawk li wieġbu indikaw li kienu mitluba jew kienu mistennija li jħallsu għal xi tixħim fl-aħħar 12-il xahar, filwaqt li 84 % sa 99 % jaħsbu li l-korruzzjoni hija mifruxa fil-pajjiż tagħhom. Il-Kroazja u r-Repubblika Ċeka jidhru li għamlu daqsxejn aktar impressjoni pożittiva b'punteġġi ftit aħjar mill-bqija tal-pajjiżi mill-istess grupp.

Il-pajjiżi li mhumiex imsemmija (jiġifieri l-Latvja, Malta, l-Irlanda, Ċipru) ma wrewx riżultati daqstant differenti b'mod konsiderevoli mill-medja tal-UE f'kwalunkwe minn dawn l-aspetti.

**Fil-livell Ewropew, tliet kwarti ta' dawk li wieġbu (76 %) jaħsbu li l-korruzzjoni hija mifruxa fil-pajjiż tagħhom stess.** Il-pajjiżi fejn dawk li wieġbu huma l-aktar probabbli li jaħsbu li l-korruzzjoni hija mifruxa huma l-Greċja (99 %), l-Italja (97 %), il-Litwanja, Spanja u r-Repubblika Ċeka (95 % f'kull wieħed). **Kwart tal-Ewropej (26 %), meta mqabbla ma' 29 % mir-riżultati tal-Ewrobarometru 2011, jikkunsidraw li huma affettwati personalment mill-korruzzjoni fil-ħajja tagħhom ta' kuljum.** Il-persuni li x'aktarx se jgħidu li huma personalment affettwati minn korruzzjoni ġejjin minn Spanja u l-Greċja (63 % kull wieħed), Ċipru u r-Rumanija (57 % kull wieħed) u l-Kroazja (55 %); u l-inqas li se jgħidu li huma affettwati mill-korruzzjoni x'aktarx ġejjin mid-Danimarka (3 %), Franza u l-Ġermanja (6 % f'kull wieħed minnhom). **Madwar wieħed f'kull tnax-il Ewropew (8 %) jgħidu li esperjenzaw jew kienu xhieda f'każ ta' korruzzjoni f'dawn l-aħħar 12-il xahar.** Dawk li wieġbu x'aktarx se jgħidu li esperjenzaw jew kienu xhieda ta' korruzzjoni fil-Litwanja (25 %), is-Slovakkja (21 %) u l-Polonja (16 %) u l-inqas li x'aktarx jagħmlu hekk fil-Finlandja u d-Danimarka (3 % kull wieħed), Malta u r-Renju Unit (4 % kull wieħed).

Madwar tliet kwarti tal-Ewropej (73 %) jgħidu li t-tixħim u l-użu ta' konnessjonijiet ta' spiss huwa l-eħfef mod kif inkisbu ċerti servizzi pubbliċi f'pajjiżhom. Din l-opinjoni hija l-iktar mifruxa fil-Greċja (93 %), Ċipru (92 %), is-Slovakkja u l-Kroazja (89 % f'kull wieħed). **Bl-istess mod għall-2011, madwar żewġ terzi mill-Ewropej (67 %) jaħsbu li l-finanzjament tal-partiti politiċi mhux trasparenti u supervizzat biżżejjed.** Dawk li x'aktarx ikunu ta' din l-opinjoni huma dawk li wieġbu minn Spanja (87 %), il-Greċja (86 %) u r-Repubblika Ċeka (81 %), filwaqt li dawk li x'aktarx mhux se jkollhom din l-opinjoni huma dawk li wieġbu mid-Danimarka (47 %), ir-Renju Unit (54 %), l-Isvezja (55 %) u l-Finlandja (56 %). **Ftit inqas minn kwart tal-Ewropej (23 %) jaqblu li l-isforzi tal-Gvern tagħhom huma effettivi fl-indirizzar tal-korruzzjoni;** madwar kwart (26 %) jaħsbu li hemm biżżejjed prosekuzzjonijiet ta' suċċess f'pajjiżhom biex jaqtgħu qalb in-nies minn prattiki ta' korruzzjoni.

Għall-istħarriġ Flash iffokat fuq in-negozju, ir-riżultati tal-pajjiżi juru varjazzjonijiet kbar: differenza ta' 89 punt perċentwali bejn l-ogħla (il-Greċja: 99 %) u l-inqas (id-Danimarka: 10 %) tal-livell ta' korruzzjoni osservata. (L-istess riżultat huwa rifless fl-"Ewrobarometru Speċjali" ppreżentat hawn fuq: 20 % vs 99 %). Tabilħaqq, dawk kollha li wieġbu minbarra wieħed mill-Greċja huma tal-fehma li l-korruzzjoni hi mifruxa fil-Greċja.

**Fil-livell Ewropew, iktar minn 4 minn 10 kumpaniji jikkunsidraw il-korruzzjoni bħala problema biex jagħmlu l-kummerċ, u dan jgħodd għal patroċinji u nepotiżmu wkoll.** Meta mistoqsijin speċifikament jekk il-korruzzjoni *hijiex problema fit-twettiq tal-kummerċ*, 50 % tas-settur tal-kostruzzjoni u 33 % tal-kumpaniji ta' telekomunikazzjoni/tal-IT ħassew li kienet problema serja. **Iktar ma tkun żgħira l-kumpanija, aktar u aktar il-korruzzjoni u n-nepotiżmu jidhru bħala problema għall-kummerċ.** Il-korruzzjoni hija l-aktar probabbli li titqies bħala problema għall-kummerċ minn kumpaniji fir-Repubblika Ċeka (71 %), il-Portugall (68 %), il-Greċja u s-Slovakkja (it-tnejn li huma 66 %).

# III. Is-Sejbiet Ewlenin tar-Rapport

L-analiżi individiwali ta' pajjiż żvelat varjetà wiesgħa ta' problemi marbuta mal-korruzzjoni, kif ukoll mekkaniżmi ta' kontroll ta' korruzzjoni, li wħud minnhom urew li huma effettivi u oħrajn għadhom ma kisbux riżultati. Madankollu, xi fatturi komuni jista' jiġu nnotati jew madwar l-UE jew fi ħdan gruppi ta' Stati Membri. L-analiżi tal-pajjiżi turi li l-akkwist pubbliku huwa partikolarment suxxettibbli għall-korruzzjoni fl-Istati Membri, minħabba mekkaniżmi ta' kontroll defiċjenti u l-ġestjoni tar-riskju. Valutazzjoni tar-riskji ta' korruzzjoni, inklużi kemm prattiki tajbin kif ukoll negattivi fl-akkwist pubbliku tidher fit-taqsima li ġejja.

Dan is-sommarju jeżamina l-kwistjonijiet ewlenin li huma vvalutati f'aktar dettall fil-kapitoli tal-pajjiżi. Huma miġburin f'erba' oqsma ta' suġġetti (A. Dimensjoni politika, B. Mekkaniżmi ta' kontroll u prevenzjoni, C. Ripressjoni, D. Oqsma ta' riskju), għalkemm jista' jkun li xi ftit minnhom jidħlu f'xulxin, minħabba n-natura kumplessa tal-kwistjonijiet li qed jiġu eżaminati. Sfond u analiżi aktar dettaljati jistgħu jinstabu fil-kapitoli tal-pajjiż.

### A. Id-dimensjoni politika

*Prijoritizzazzjoni tal-politiki kontra l-korruzzjoni*

Politiki kontra l-korruzzjoni saru aktar viżibbli fl-aġenda politika f'bosta Stati Membri. Il-kriżi finanzjarja ġibdet l-attenzjoni lejn il-kwistjonijiet tal-integrità u tar-responsabbiltà ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li qed jaffaċċjaw diffikultajiet ekonomiċi serji għarfu l-gravità ta' problemi marbuta mal-korruzzjoni u żviluppaw (jew qed jiżviluppaw) programmi kontra l-korruzzjoni biex jindirizzaw ir-riskji marbuta u r-riskji ta' devjazzjoni tal-fondi pubbliċi. Għal xi Stati Membri, programmi ta' aġġustament ekonomiku jinkludu rekwiżiti espliċiti relatati ma' politiki kontra l-korruzzjoni. Anki jekk ma jkunux formalment marbuta ma' programm ta' aġġustament, il-politiki kontra l-korruzzjoni jikkumplimentaw miżuri ta' aġġustament, speċjalment f'pajjiżi fejn il-korruzzjoni tirrappreżenta problema serja. Rakkomandazzjonijiet dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni b'mod effettiv saru wkoll fil-kuntest tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Dan ir-rapport mhux imsejjes fuq is-suppożizzjoni li l-istrateġiji kontra l-korruzzjoni ġenerali huma indispensabbli għall-prevenzjoni jew għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Madankollu, fin-nuqqas ta' strateġiji fit-tul komprensivi kontra l-korruzzjoni f'ċerti Stati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma' problemi ta' korruzzjoni sistemika nstab li kienet kwistjoni ta' tħassib, peress li t-tip ta' problemi li jridu jiġu indirizzati jeħtieġu approċċ koordinat komprensiv fil-livell ċentrali. F'xi wħud minn dawn l-Istati Membri strateġija nazzjonali kontra l-korruzzjoni ġiet adottata dan l-aħħar, filwaqt li f'oħrajn strateġija bħal din ma teżistix. L-istrateġiji kontra l-korruzzjoni f'xi Stati Membri bbażati fuq valutazzjonijiet tal-impatt ta' programmi strateġiċi preċedenti wara konsultazzjonijiet pubbliċi u l-involviment attiv tas-soċjetà ċivili u firxa ta' istituzzjonijiet pubbliċi u awtonomi fl-oqsma ta' infurzar u monitoraġġ, huma msemmija bħala passi pożittivi, sakemm ir-riżultati jidhru fil-fażi ta' implimentazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri li jaffaċċjaw sfidi serji meta jittrattaw il-korruzzjoni stabbilixxew oqfsa kumplessi u sofistikati legali u istituzzjonali, kif ukoll għadd ta' strateġiji jew programmi mmirati. Madankollu, dan waħdu ma jwassalx neċessarjament għal riżultati tanġibbli. B'kuntrast, fi Stati Membri oħra fejn ir-regolament rilevanti jew il-programmi strateġiċi huma nieqsa, il-korruzzjoni naqqset b'mod viżibbli b'sistemi preventivi, prattiki,

tradizzjonijiet li jinvolvu l-fornituri u r-riċevituri tas-servizzi pubbliċi jew, f'xi każijiet, standards għoljin ta' trasparenza.

### *Ir-responsabbiltà politika*

Ipprovokati mill-kriżi, protesti soċjali mmiraw mhux biss il-politiki ekonomiċi u soċjali, iżda wkoll l-integrità u r-responsabilità tal-elite politiku. L-iskandli ta' profil għoli assoċjati mal-korruzzjoni, l-użu ħażin ta' fondi pubbliċi jew imġiba kontra l-etika minn politiċi kkontribwew għal nuqqas ta' sodisfazzjon pubbliku u n-nuqqas ta' fiduċja tas-sistema politika.

L-integrità fil-politika hija kwistjoni serja għal ħafna Stati Membri. Kodiċijiet ta' kondotta fl-assembleji eletti jew fil-partiti politiċi jew f'livell ċentrali jew lokali huma l-eċċezzjoni aktar milli r-regola. Meta kodiċijiet bħal dawn huma stabbiliti, dawn ħafna drabi ma jkollhomx mekkaniżmu ta' monitoraġġ effettiv jew regolamenti ċari ta' sanzjonar, u rarament iwasslu għall-applikazzjoni ta' penali dissważivi. F'xi każijiet, in-nuqqas ta' responsabbiltà ġġenerat perċezzjoni ta' kważi-impunità tal-elite politiku.

Tħassib f'ċerti Stati Membri hu marbut mhux biss ma' nuqqas ta' fiduċja pubblika li kull ma jmur dejjem qed tikber, iżda wkoll ma' riskju ta' reputazzjoni fil-kuntest internazzjonali. Bħala konsegwenza, l-Istati Membri issa qegħdin jagħtu prijorità ħafna akbar fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, b'passi sostanzjali li jkunu qegħdin jittieħdu jew riformi radikali mħabbra.

F'xi Stati Membri, il-politiċizzazzjoni ta' reklutaġġ għal pożizzjonijiet medji ta' maniġment u aktar baxxi fl-amministrazzjoni pubblika f'livell ċentrali jew reġjonali/lokali ġew enfasizzati bħala problemi serji. Dawn il-prattiki jżidu s-suxxettibbiltà għall-korruzzjoni, jgħollu r-riskju ta' kunflitti ta' interessi, idgħajfu l-mekkaniżmi ta' kontroll u jaffettwaw il-kredibbiltà tal-amministrazzjoni pubblika b'mod ġenerali.

### *Ir-responsabbiltà ta' uffiċjali eletti għall-korruzzjoni*

***Sfida fundamentali dwar il-politika kontra l-korruzzjoni hija n-nuqqas ta' definizzjoni armonizzata ta' "uffiċjal pubbliku" fil-livell tal-UE li għandha tinkludi uffiċjali eletti. Il-Kummissjoni ressqet proposta fl-2012 għal Direttiva dwar il-protezzjoni tal-liġi kriminali minn frodi u reati relatati mal-interessi finanzjarji tal-UE[9] li fiha definizzjoni ta' uffiċjal pubbliku inklużi l-persuni li jkollhom uffiċċju leġiżlattiv. In-negozjati fil-Kunsill[10] u fil-Parlament Ewropew[11] dwar id-Direttiva proposta juru nuqqas ta' appoġġ għad-definizzjoni proposta li timmira għal kriminalizzazzjoni ta' korruzzjoni mwettqa minn uffiċjali eletti. Madankollu, fil-fehma tal-Kummissjoni, sabiex tasal għal approċċ komuni fl-UE, hemm bżonn ta' armonizzazzjoni ċara tar-responsabbiltà kriminali ta' uffiċjali eletti għal reati ta' korruzzjoni.***

### *Il-finanzjament tal-partiti politiċi*

Waħda mill-kwistjonijiet usa' ta' sfond li mill-esperjenza turi li għandha impatt fuq il-korruzzjoni hija l-finanzjament tal-partiti politiċi. Każijiet ta' korruzzjoni fuq skala kbira riċenti li jinvolvu l-finanzjament ta' partiti illegali affettwaw il-politiċi f'xi Stati Membri. Ix-

9 COM(2012) 363.
10 Ara l-approċċ ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2013, id-Dokument tal-Kunsill 10232/13.
11 Ara l-opinjoni tal-Kumitat tal-Affarijiet Legali, A7-0000/2013.

xiri ta' voti u forom oħra ta' influwenza mhux xierqa tal-elettorat ġew innutati wkoll f'għadd ta' Stati Membri.

Evalwazzjonijiet GRECO dwar il-finanzjament tal-partiti kellhom impatt viżibbli fuq ir-riforma tal-qafas legali u, sa ċertu punt, tal-qafas istituzzjonali f'dan il-qasam. B'xi eċċezzjonijiet, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri riċentement emendaw il-leġiżlazzjoni tagħhom dwar il-finanzjament tal-partiti u żiedu standards ta' trasparenza, inkluż dwar donazzjonijiet. F'żewġ Stati Membri ma hemm l-ebda restrizzjoni dwar donazzjonijiet anonimi. Il-pubblikazzjoni tal-kontijiet tal-partiti politiċi mhix obbligatorja f'wieħed minn dawn l-Istati Membri. Madankollu, il-partiti politiċi ewlenin ikkonkludew ftehim volontarju biex jiżguraw it-trasparenza finanzjarja. Barra minn hekk, huma mistennija l-emendi għal-leġiżlazzjoni tal-finanzjament ta' partiti bl-għan li jkun hemm konformità mar-rakkomandazzjonijiet GRECO. L-Istat Membru l-ieħor ma ħabbarx pjanijiet biex ikompli jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu wara r-rakkomandazzjonijiet GRECO. Stat Membru ieħor riċentement irreveda l-leġiżlazzjoni tal-finanzjament ta' partiti tiegħu imma għad hemm xi lakuni fir-rigward ta' limiti għal donazzjonijiet, reġim ta' sponserizzazzjoni minn kumpaniji tal-Istat, mekkaniżmi ta' superviżjoni u setgħat ta' sanzjonar.

*Sistema ta' finanzjament tal-partiti rregolata b'mod tajjeb u trasparenti — il-Finlandja*

*Il-Finlandja emendat l-Att dwar il-Partiti Politiċi fl-2010 filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet kollha GRECO. Il-Finlandja qabel kellha biss regolamenti limitati dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi. Il-qafas legali l-ġdid jimmira lejn it-trasparenza tal-finanzjament tal-kandidati tal-elezzjoni, il-partiti politiċi, kif ukoll l-entitajiet affiljati ma' partiti politiċi. Jekk jiġi applikat kif suppost, l-Att se jżid b'mod sostanzjali t-trasparenza ta' finanzjament politiku. Skont GRECO, il-Finlandja tista' sservi ta' ispirazzjoni għal pajjiżi oħrajn.*

F'xi każijiet, il-partiti politiċi żiedu l-istandards ta' integrità tagħhom u sanzjonaw jew keċċew Membri involuti fi skandli ta' korruzzjoni. Fi Stat Membru wieħed, ġew innutati kisbiet sinifikanti fit-titjib tat-trasparenza u tar-responsabbiltà tas-sistema parlamentari. Madankollu, anki f'pajjiżi b'eżempji bħal dawn ta' responsabbiltà politika, ir-reazzjonijiet ta' integrità mhumiex parti minn prattika ġeneralizzata.

Għad hemm nuqqasijiet konsiderevoli fis-superviżjoni ta' finanzjament ta' partiti. L-impatt tar-riformi leġiżlattivi riċenti għad irid jiġi determinat. Ta' spiss ikun il-każ li ladarba tingħalaq lakuna leġiżlattiva (bħat-trasparenza ta' u l-limiti fuq donazzjonijiet), oħrajn jidhru li joħorġu (eż. ir-reġim ta' self żgħir, skemi ta' donazzjonijiet multipli, superviżjoni insuffiċjenti ta' fondazzjonijiet jew entitajiet oħra marbuta ma' partiti politiċi, eċċ). Superviżjoni proattiva u sanzjonar dissważivi ta' finanzjament illegali ta' partiti għadhom mhumiex prattiki regolari fl-UE u huma meħtieġa aktar sforzi biex tkun żgurata implimentazzjoni konsistenti.

## B. Mekkaniżmi ta' kontroll u prevenzjoni

### *L-użu ta' politiki ta' prevenzjoni*

Politiki ta' prevenzjoni jkopru varjetà wiesa' ta' aspetti li jinkludu regoli ta' etika ċarissimi, miżuri ta' sensibilizzazzjoni, il-bini ta' kultura ta' integrità fi ħdan bosta organizzazzjonijiet, l-istabbiliment ta' ton sod minn fuq fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' integrità, mekkaniżmi ta' kontroll intern effettivi, trasparenza, aċċess faċli għal informazzjoni ta' interess pubbliku,

sistemi effettivi għall-evalwazzjoni tal-prestazzjoni ta' istituzzjonijiet pubbliċi, eċċ. Hemm differenza konsiderevoli fost l-Istati Membri rigward il-prevenzjoni tal-korruzzjoni. Għal xi wħud, l-implimentazzjoni ta' politiki ta' prevenzjoni kienet frammentata s'issa, li naqqset milli turi riżultati konvinċenti. Għal oħrajn, il-prevenzjoni effettiva kkontribwixxiet għar-reputazzjoni stabbilita ta' "pajjiżi nodfa". Għalkemm il-korruzzjoni mhix meqjusa bħala kwistjoni ewlenija f'dawn il-pajjiżi tal-aħħar, l-integrità attiva u dinamika u programmi ta' prevenzjoni huma fis-seħħ u kkunsidrati bħala prijorità mill-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet ċentrali u lokali. Għal Stati Membri oħra, il-korruzzjoni ġiet meqjusa bħala problema inqas serja għal żmien twil, u għalhekk ma ttieħdet l-ebda pożizzjoni attiva dwar il-promozzjoni ta' azzjonijiet komprensivi preventivi.

*Promozzjoni attiva tal-integrità tas-settur pubbliku — Il-Pajjiżi l-Baxxi*

*L-integrità, it-trasparenza u r-responsabbiltà huma promossi b'mod attiv fl-amministrazzjoni pubblika tal-Pajjiżi l-Baxxi. Stabbilit mill-Ministeru tal-Intern u tar-Relazzjonijiet tar-Renju, l-Uffiċċju għall-Promozzjoni tal-Integrità tas-Settur Pubbliku (BIOS) huwa istitut indipendenti li jħeġġeġ u jappoġġja s-settur pubbliku fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' integrità.*

*Barra minn hekk, ħafna bliet u komunitajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi qed jimplimentaw politika lokali tal-integrità, li tejbet l-iskoperta ta' każijiet ta' integrità (żieda minn 135 fl-2003 għal 301 fl-2010). Il-politiki lokali tal-integrità evolvew matul l-aħħar 20 sena, u saru parti integrali ta' governanza lokali.*

***Mekkaniżmi ta' kontroll estern u intern (ħlief l-infurzar tal-liġi)***

Mekkaniżmi ta' kontroll jaqdu rwol importanti kemm għall-prevenzjoni kif ukoll għall-iskoperta ta' korruzzjoni, fi ħdan korpi pubbliċi. Xi Stati Membri jqiegħdu piż kbir fuq l-infurzar tal-liġi u l-korpi ta' prosekuzzjoni jew fuq aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni li huma meqjusa biss bħala unikament responsabbli biex jindirizzaw il-korruzzjoni fil-pajjiż. Filwaqt li l-attività ta' dawn l-istituzzjonijiet hija ta' importanza kbira ħafna, korruzzjoni profonda ma tistax tiġi indirizzata mingħajr approċċ komprensiv bl-għan li jitjiebu l-prevenzjoni u l-mekkaniżmi ta' kontroll fil-livelli kollha tal-amministrazzjoni pubblika, fuq livelli ċentrali u lokali.

Xi Qrati tal-Awdituri kellhom irwol prominenti għall-imbuttatura 'l quddiem tar-riformi kontra l-korruzzjoni. Fi ftit Stati Membri, il-Qorti tal-Awdituri hija attiva biex tinnotifika awtoritajiet rilevanti oħra ta' suspetti ta' korruzzjoni. F'xi każijiet, hija wkoll l-istituzzjoni responsabbli għall-verifika tal-finanzjament tal-partiti u tal-kampanji elettorali. Madankollu, il-proattività tagħha ma tiġix kumplimentata b'kontrolli interni u esterni effettivi fil-livelli reġjonali u lokali.

F'ħafna Stati Membri, il-kontrolli interni madwar il-pajjiż (partikolarment fil-livell lokali) huma dgħajfa u neqsin minn koordinazzjoni. Hemm bżonn li dawn il-kontrolli jissaħħu u jiġu abbinati ma' politiki ta' prevenzjoni qawwija sabiex jagħtu riżultati konkreti u sostenibbli kontra l-korruzzjoni.

***L-iżvelar tal-assi***

L-iżvelar tal-assi għall-uffiċjali f'postijiet sensittivi huwa prattika li tikkontribwixxi lejn it-tisħiħ tar-responsabbiltà ta' uffiċjali pubbliċi, tiżgura trasparenza mtejba u tiffaċilita l-

iskoperta ta' każijiet potenzjali ta' ġid illeċitu, kunflitti ta' interessi, inkompatibilitajiet, kif ukoll l-iskoperta u l-investigazzjoni ta' prattiki korrotti potenzjali.

Approċċi lejn l-iżvelar tal-assi għal uffiċjali eletti jvarjaw mill-ħtieġa ta' ammont konsiderevoli ta' informazzjoni li għandha tiġi żvelata,[12] għal żvelar aktar limitat jew nuqqas ta' żvelar ta' politiki. Għal uffiċjali pubbliċi professjonali f'ċerti setturi l-iżvelar tal-assi jista' jkun ta' għajnuna biex jiġu evitati kwistjonijiet ta' kunflitt ta' interessi. Minkejja dawn l-approċċi differenti, tista' tiġi osservata tendenza ġenerali lejn rekwiżiti aktar stretti għall-iżvelar tal-assi ta' uffiċjali pubbliċi. Ftit Stati Membri li tradizzjonalment ma kellhomx reġimi tal-iżvelar tal-assi riċentement daħlu jew ħabbru l-introduzzjoni ta' sistemi bħal dawn.

Aspett importanti jikkonċerna l-verifikazzjoni tagħhom. F'xi Stati Membri, korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-iżvelar tal-assi għandhom setgħat u għodod limitati. F'oħrajn hemm ftit evidenza ta' implimentazzjoni attiva jew infurzar ta' dawn ir-regoli. Fi ftit pajjiżi, is-sistema ta' verifika hija kumplessa u diffiċli, li taffettwa l-effikaċja tagħha. Hemm ftit eżempji ta' verifika bir-reqqa fost l-Istati Membri: f'dawn, kontrolli sostanzjali huma mwettqa minn aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni/tal-integrità indipendenti u speċjalizzati li għandhom il-poteri u l-għodda meħtieġa biex jiċċekkjaw l-oriġini ta' assi ta' uffiċjali pubbliċi kkonċernati kontra firxa wiesa' ta' bażijiet tad-dejta (l-amministrazzjoni tad-dejta, ir-reġistru tal-kummerċ, eċċ.) biex jidentifikaw dikjarazzjonijiet mhux korretti potenzjali.

***Regoli dwar il-kunflitt ta' interess***

Il-kunflitti ta' interess jirriflettu sitwazzjoni fejn uffiċjali pubbliċi jaġixxu jew beħsiebhom jaġixxu jew joħolqu dehra li qed jaġixxu għall-benefiċċju ta' interess privat.[13] Il-kwistjoni tal-kunflitti ta' interess għalhekk ġiet inkluża fl-ambitu ta' firxa wiesgħa ta' strumenti ta' kontra l-korruzzjoni u mekkaniżmi ta' reviżjoni, inklużi dawk relatati mal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni (l-UNCAC), il-GRECO u l-OECD.

Ir-regolamenti u s-sanzjonijiet applikabbli għal kunflitti ta' interess ivarjaw madwar l-UE. Xi Stati Membri għandhom leġiżlazzjoni speċifika li tkopri firxa wiesgħa ta' uffiċjali pubbliċi eletti u maħtura, kif ukoll aġenziji speċjalizzati inkarigati biex iwettqu l-verifiki. Il-livell ta' skrutinju jvarja minn Stat Membru għal ieħor: xi wħud għandhom aġenziji indipendenti li jimmonitorjaw kunflitti ta' interess, imma l-kapaċità li jkopru dawn is-sitwazzjonijiet mal-pajjiż kollu hi limitata u s-segwitu tad-deċiżjonijiet tagħhom mhuwiex suffiċjenti; oħrajn għandhom kummissjoni ta' etika responsabbli għal tali verifiki li tirrapporta lill-Parlament; f'xi każijiet isiru kontrolli fuq MPs permezz ta' Kummissjoni parlamentari, jew, f'xi każijiet oħra, minn kummissjoni li jkollha l-kompitu li twettaq kontrolli fuq il-kunflitti ta' interess u d-dikjarazzjonijiet tal-assi, għalkemm ħafna drabi b'kapaċità limitata u b'setgħat ta' sanzjonar. Verifiki fuq is-sustanza huma ta' spiss formalistiċi u l-aktar limitati għal kontrolli

12 L-iżvelar tal-assi ma jimplikax awtomatikament il-pubblikazzjoni, li trid tiġi bbilanċjata bid-dritt għall-protezzjoni tad-dejta. Xi wħud mill-Istati Membri li japplikaw sistemi għall-iżvelar tal-assi ma jippubblikawx id-dikjarazzjonijiet kollha tal-assi. Madankollu huma jeħtieġu li uffiċjali pubbliċi jissottomettu d-dikjarazzjonijiet tal-assi lill-awtoritajiet rilevanti.

13 Il-Kunsill tal-Ewropa ddefinixxa l-kunflitt tal-interessi bħala sitwazzjoni "fejn l-uffiċjal pubbliku għandu interess privat li huwa tali li jinfluwenza jew jidher li qed jinfluwenza, il-prestazzjoni imparzjali u objettiva tal-kompiti uffiċjali tiegħu jew tagħha", bl-interess privat ikun mifhum li jfisser "kwalunkwe vantaġġ għalih jew għaliha, għall-familja tiegħu jew tagħha, il-qraba, ħbieb u persuni jew organizzazzjoni li magħhom hu jew hi għadu kif kellu/għadha kif kellha relazzjonijiet ta' kummerċ jew ta' politika." Jinkludi wkoll kwalunkwe responsabbiltà, kemm finanzjarja kif ukoll ċivili, relatata miegħu. Ara r-Rakkomandazzjoni Nru R (2000) 10 tal-Kumitat tal-Ministri għall-Istati Membri dwar il-kodiċijiet ta' kondotta għall-uffiċjali eletti: http://www.coe.int/t/dghl/monitoring/greco/documents/Rec(2000)10_EN.pdf.

amministrattivi. Il-kapaċità ta' monitoraġġ u l-għodda meħtieġa biex jitwettqu l-ispezzjonijiet ħafna drabi mhumiex biżżejjed.

Diffikultajiet partikolari li jitqajmu mal-bord jitnisslu minn sanzjonijiet skarsi u dgħajfa applikabbli għall-uffiċjali eletti. Fejn dawn ikopru kunflitti ta' interess, il-kodiċijiet ta' kondotta ta' bosta mill-assembleji eletti normalment ma jkunux akkumpanjati b'sanzjonijiet diswassivi. Id-dixxiplina tal-partiti u l-awtokontroll jistgħu ma jkunux effettivi biżżejjed f'dan ir-rigward. Ukoll, il-kanċellazzjoni ta' kuntratti u proċeduri konklużi jew imwettqa f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interessi jew l-irkupru ta' danni spiss jitħallew għal regolamenti ċivili ġenerali u għalhekk mhumiex implimentati fil-prattika.

Kunflitti ta' interess fit-teħid tad-deċiżjonijiet, fl-allokazzjoni ta' fondi pubbliċi u ta' akkwist pubbliku, b'mod partikolari fil-livell lokali, jifformaw xejra rikorrenti f'ħafna Stati Membri. Dan ir-rapport janalizza l-isfidi partikolari f'dan ir-rigward fil-livell reġjonali u f'dak lokali f'dawk l-Istati Membri fejn problemi bħal dawn jidhru aktar gravi. Hemm xi differenza (kultant wiesa') bejn ir-reġjuni u l-amministrazzjonijiet lokali u hu nieqes approċċ koerenti lejn l-impożizzjoni ta' standards minimi u s-sensibilizzazzjoni f'dan ir-rigward. Kunflitti ta' interess bħala regola mhumiex inkriminati fl-Istati Membri tal-UE. Fi Stat Membru wieħed, il-kunflitti ta' interess jiġu kkriminalizzati, għalkemm għadu ma jeżisti l-ebda rekord stabbilit ta' prosekuzzjonijiet ta' suċċess. Xi forom ta' kunflitti ta' interess huma wkoll inkriminati fi Stat Membru ieħor (jiġifieri interess illegali f'attività li l-uffiċjali pubbliċi jmexxu jew jissorveljaw).

Il-mobbiltà tax-xogħol bejn is-setturi pubbliċi u privati hija essenzjali għall-funzjonament ta' soċjetà moderna u tista' ġġib benefiċċji importanti kemm għas-settur pubbliku kif ukoll għal dak privat. Dan jimplika madankollu riskju potenzjali li uffiċjali pubbliċi preċedenti jiżvelaw informazzjoni mill-funzjonijiet preċedenti tagħhom li m'għandhiex tiġi żvelata u li dawk li kienu persunal fis-settur privat jieħdu funzjonijiet pubbliċi li jirriżultaw f'kunflitti ta' interess fir-rigward tal-impjegatur preċedenti tagħhom . Din is-sitwazzjoni hija indirizzata speċifikament f'xi Stati Membri biss, u l-implimentazzjoni ta' spiss tkun dgħajfa.

## C. It-trażżin

### *Liġi kriminali*

Il-liġi kriminali kontra l-korruzzjoni hija ġeneralment funzjonanti u tissodisfa l-istandards tal-leġiżlazzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa, tan-NU u tal-UE. Stat Membru wieħed ma rratifikax l-UNCAC. L-ostaklu ewlieni għar-ratifika ta' dan l-Istat Membru jinsab fin-nuqqas ta' responsabbiltà kriminali għal uffiċjali pubbliċi eletti għal tixħim.

Xi Stati Membri introduċew jew qed jippjanaw riformi sostantivi kriminali u għal proċeduri kriminali. Objettiv komuni huwa li l-proċeduri jsiru iktar effiċjenti u rapidi, u biex jissaħħu aħjar l-għodod ta' kontra l-korruzzjoni (inkluża d-definizzjoni ta' reati, f'xi każijiet sanzjonijiet ogħla, u dispożizzjonijiet mgħaġġla). Billi timponi limitu fin bejn imġiba leġittima u illeġittima, xi Stati Membri xorta għandhom kamp ta' applikazzjoni limitat ta' inkriminazzjoni.

Il-kwalità ta' traspożizzjoni tad-**Deċiżjoni Qafas 2003/568/ĠAI dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fis-settur privat** hija irregolari.[14] Hemm nuqqasijiet partikolari fit-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar il-kriminalizzazzjoni tal-elementi kollha ta' tixħim attiv u passiv, kif ukoll responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi. Anki għall-Istati Membri li ttrasponew id-Deċiżjoni Qafas, l-informazzjoni dwar l-infurzar hija skarsa.

***L-effikaċja ta' aġenziji kontra l-korruzzjoni***

Hu f'idejn l-Istat Membru waħdu biex jiddeċiedi liema strutturi istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni huma meħtieġa skont il-kuntest nazzjonali tiegħu, skont id-daqs u n-natura ta' korruzzjoni fil-pajjiż, il-qafas ġuridiku u kostituzzjonali, it-tradizzjonijiet, ir-rabta ma' politiki oħra fil-pajjiż, l-ambjent istituzzjonali b'mod ġenerali, eċċ.

Bosta Stati Membri għandhom aġenziji ċentrali kontra l-korruzzjoni li jgħaqqdu l-kompiti ta' prevenzjoni u ta' trażżin, filwaqt li oħrajn għandhom aġenziji dedikati kontra l-korruzzjoni u għall-prevenzjoni, u xi wħud minnhom huma wkoll mogħtija s-setgħa li jitrattaw mal-verifika ta' ġid, kunflitti ta' interess, inkompatibbiltajiet, u f'xi każijiet il-finanzjament ta' partiti. Xi pajjiżi oħra ddedikaw l-infurzar tal-liġi jew tas-servizzi ta' prosekuzzjoni għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

Issa huwa rikonoxxut fil-beraħ li t-twaqqif ta' aġenziji speċjalizzati fil-ħidma kontra l-korruzzjoni, kemm jekk dawn jiffukaw fuq il-prevenzjoni kif ukoll fuq it-trażżin jew fuq it-tnejn, mhuwiex soluzzjoni. Ir-riżultati miksuba jvarjaw. Madankollu, l-analiżi tal-pajjiż f'dan ir-rapport turi li xi wħud minn dawn l-aġenziji kienu elementi effettivi tar-riformi kontra l-korruzzjoni f'pajjiżhom.

Il-kisbiet ta' xi aġenziji kontra l-korruzzjoni kienu aktar sostenibbli minn oħrajn. Fatturi li jaffettwaw is-suċċess tagħhom (fuq żmien temporanju jew twil) jinkludu: garanziji ta' indipendenza u n-nuqqas ta' interferenza politika, għażla bbażata fuq mertu u l-promozzjoni ta' persunal, kollaborazzjoni multidixxiplinarja fost timijiet operattivi u ma' istituzzjonijiet oħrajn, aċċess ta' malajr għal bażijiet ta' dejta u intellgence u l-għoti ta' riżorsi u ħiliet meħtieġa. Dawn l-elementi mhumiex miġbura flimkien b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha.

*Prattiki tajba li jikkonċernaw l-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni*

*Il-Kummissjoni Slovena għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni (CPC) ikkonsolidat ir-rwol tagħha biex tkun tista' "tiddefendi l-istat tad-dritt permezz ta' sforzi kontra l-korruzzjoni", kif rikonoxxut ukoll mill-Qorti Kostituzzjonali Slovena. Minkejja riżorsi limitati, is-CPC għandha reputazzjoni soda ta' implimentazzjoni, b'aktar minn 1 000 rieżami u investigazzjonijiet kull sena. Din ivverifikat l-assi u l-interessi ta' mexxejja mill-partiti politiċi ewlenin kollha, fejn riċentement żvelat ksur tal-leġiżlazzjoni tal-iżvelar tal-assi u ġid kbir allegat mhux spjegat ta' personalitajiet politiċi importanti.*

*Id-Direttorat Rumen Nazzjonali ta' Kontra l-Korruzzjoni (DNA). Uffiċċju ta' prosekuzzjoni speċjalizzat għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni fuq livell medju u għoli, DNA bena rekord notevoli ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet mhux partiġjani f'allegazzjonijiet ta' korruzzjoni fl-ogħla livelli ta' politika, il-ġudikatura u setturi oħrajn bħall-amministrazzjoni*

14 COM(2011) 309 final, it-Tieni Rapport ta' Implimentazzjoni ta' FD 2003/568/JHA tas-6 ta' Ġunju 2011: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0309:FIN:MT:PDF.

*tat-taxxa, id-dwana, l-enerġija, it-trasport, il-kostruzzjoni, il-kura tas-saħħa, eċċ. Fl-aħħar seba' snin, DNA indika iktar minn 4 700 konvenut. 90,25 % tal-akkużi kienu kkonfermati permezz ta' deċiżjonijiet finali tal-qrati. Kważi 1 500 konvenut kienu kkundannati permezz ta' deċiżjonijiet finali tal-qrati, kważi nofshom għandhom pożizzjonijiet ta' livell għoli ħafna. Fattur importanti għal dawn ir-riżultati kien l-istruttura tad-DNA li tinkludi, minbarra prosekuturi li jmexxu u jissorveljaw investigazzjonijiet, il-pulizija ġudizzjarja u esperti tal-ekonomija, tal-finanzi u esperti tal-IT.*

*L-Uffiċċju Latvjan għall-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni (KNAB) stabbilixxa reputazzjoni solida fil-Latvja u lil hinn minnha. KNAB għaqqad il-kompiti relatati mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-edukazzjoni, inkluż il-kontroll ta' finanzjament tal-partiti. KNAB jaġixxi wkoll bħala korp ta' investigazzjoni ta' qabel il-proċess mogħni b'setgħat tradizzjonali u aċċess għal bażijiet tad-dejta bankarji u fiskali. Iktar reċentement l-Uffiċċju għadda minn perjodu ta' taqlib intern.*

*L-Uffiċċju Kroat għall-Ġlieda kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata marbut mal-Uffiċċju tal-Istat tal-Avukat Ġenerali (USKOK) stabbilixxa rekord ta' investigazzjonijiet proattivi u prosekuzzjonijiet li kellhom suċċess inkluż f'każijiet li jikkonċernaw uffiċjali eletti u ta' livell għoli maħtura.*

*L-uffiċċju ċentrali tal-prosekuzzjoni kontra l-korruzzjoni kiseb rekord sod ta' investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet, inkluż f'każijiet ta' livell għoli li jinvolvu skemi kumplessi ta' allegazzjonijiet ta' finanzjament illegali ta' partiti. L-Uffiċċju ta' Kontra l-Frodi ta' Catalonia, aġenzija reġjonali ta' kontra l-korruzzjoni speċjalizzata fil-prevenzjoni u l-investigazzjoni ta' korruzzjoni u frodi huwa l-uniku wieħed tax-xorta tiegħu fi Spanja. Waqt li għandu l-għan li jipprevjeni u jinvestiga l-użu ħażin tal-fondi pubbliċi, huwa wkoll inkarigat li jiggwida entitajiet oħra.*

F'xi Stati Membri, l-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni li jinvestigaw il-politiċi sussegwentement jiffaċċjaw pressjoni diretta jew indiretta. Tali pressjoni tinkludi stqarrijiet pubbliċi jew sfidi oħrajn għal-leġittimità ta' tmexxija tal-aġenziji jew setgħat istituzzjonali u kompetenzi. Huwa importanti li jiġu żgurati l-garanziji neċessarji għal dawn l-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni biex ikomplu jwettqu l-kompiti tagħhom mingħajr pressjoni żejda.

***Il-kapaċità tal-infurzar tal-liġi, il-prosekuzzjoni u l-ġudikatura***

L-effiċjenza tal-**infurzar tal-liġi u l-prosekuzzjoni** fl-investigazzjoni tal-korruzzjoni tvarja ħafna madwar l-UE. Fatturi kkunsidrati fl-evalwazzjoni tal-effiċjenza tagħhom jinkludu l-firxa stmata u n-natura ta' korruzzjoni li jridu jindirizzaw, il-bilanċ mal-miżuri preventivi, ir-rieda politika biex jappoġġaw l-indipendenza tagħhom, il-kapaċità u r-riżorsi għad-dispożizzjoni, l-ostakli potenzjali għall-investigazzjonijiet, l-effikaċja tal-ġudikatura, b'mod partikolari l-indipendenza tagħha, eċċ. Il-valutazzjoni hi diffiċli billi l-istatistika dwar ir-reati ta' korruzzjoni hi nieqsa mill-koerenza fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. M'hemm kważi l-ebda statistika preċiża aġġornata konsolidata wara l-istadji proċedurali kollha ta' każijiet ta' korruzzjoni.

Miżuri ripressivi waħedhom mhumiex biżżejjed biex tiġi indirizzata l-korruzzjoni b'mod effettiv. Madankollu, il-ħila ta' sistema ġudizzjarja li timponi sanzjonijiet dissważivi għandha rwol ta' deterrent ewlieni u huwa sinjal ċar li l-korruzzjoni ma tiġix tollerata.

Xi Stati Membri jqiegħdu enfasi partikolari fuq in-naħa ripressiva u l-infurzar tal-liġi isir l-aspett l-iktar viżibbli tal-isforzi kontra l-korruzzjoni. Riżultati mill-aqwa jidhru wkoll fl-Istati

Membri fejn il-prosekuzzjoni kollha kemm hi (lil hinn minn servizzi speċjalizzati fil-korruzzjoni) hija effettiva. F'xi Stati Membri oħrajn, il-prosekuzzjoni b'suċċess hija skarsa jew l-investigazzjonijiet huma twal.

L-indipendenza tal-ġudikatura hija element ewlieni tal-linji politiċi kontra l-korruzzjoni mil-lat tal-kapaċità tas-sistema ġudizzjarja sabiex tittratta b'mod effettiv każijiet ta' korruzzjoni, inkluż f'livelli għolja, kif ukoll mil-lat ta' standards ta' integrità fis-sistema ġudizzjarja nnifisha. Is-salvagwardji effettivi ta' indipendenza u l-istandards etiċi għolja fil-ġudikatura huma essenzjali biex jiżguraw il-qafas meħtieġ għal ġudikatura effettiva li tagħmel ġustizzja f'każijiet ta' korruzzjoni b'mod oġġettiv u imparzjali mingħajr xi influwenza mhux xierqa. L-indipendenza tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuzzjoni hi nnotata bħala problema f'xi Stati Membri. Mingħajr ma tiġi ġudikata l-istruttura istituzzjonali globali li tirrifletti l-issettjar kostituzzjonali, legali u kulturali ta' kull Stat Membru, u li hija soġġett għal mekkaniżmi u proċeduri separati fil-livell tal-UE — notevolment il-Klassifikazzjoni Annwali tal-UE għall-Ġustizzja u l-qafas tal-Istat tad-dritt imħabbar mill-President Barroso fid-diskors tiegħu dwar l-Istat tal-Unjoni fl-2012 u fl-2013 — tqajjem tħassib partikolari f'xi okkażjonijiet fir-rigward tal-espożizzjoni ta' servizzi ta' prosekuzzjoni u qrati għal indħil politiku f'każijiet ta' korruzzjoni. Eżempji jinkludu applikazzjoni mhux trasparenti jew diskrezzjonali tal-proċeduri ta' ħatra, promozzjoni jew tkeċċija ta' prosekuturi ewlenin li jkunu qed jaħdmu fuq każijiet ta' korruzzjoni kif ukoll it-tneħħija jew prova ta' skreditu ta' istituzzjonijiet jew tal-mexxejja tagħhom mingħajr raġuni oġġettiva apparenti. F'każijiet oħra l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi kontra l-korruzzjoni raw l-atturi politiċi jinterferixxu fil-ġestjoni u t-tħaddim tagħhom. Il-poteri fuq firxa wiesa' li minnhom igawdu xi istituzzjonijiet ta' kontra l-korruzzjoni mhux dejjem mgħammra bir-responsabbiltà, u dan iwassal għal perċezzjonijiet li dawn għandhom mnejn qed joqogħdu 'l bogħod minn każijiet ta' profil għoli jew qed jirrikorru għal metodi investigattivi kontroversjali.

Ma hemm l-ebda standard uniformi li jista' jiġi kkunsidrat bħala mudell għall-proċeduri ta' ħatra u ta' tkeċċija għall-kapijiet tal-infurzar tal-liġi jew tas-servizzi ta' prosekuzzjoni. Dawn id-deċiżjonijiet huma f'idejn il-gvernijiet fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri bħala espressjoni ta' responsabbiltà politika u jirrifletti l-lok tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuzzjoni fi ħdan il-fergħa eżekuttiva. Irrispettivament mill-proċedura segwita, il-proċess jeħtieġ li jkun kredibbli u bbażat fuq il-merti biex tiġi evitata kwalunkwe impressjoni ta' preġudizzju politiku u biex jippermetti lill-pulizija u lill-prosekuturi jinvestigaw il-korruzzjoni kull fejn huma jiskopruha.

In-nuqqas ta' koordinazzjoni effettiva bejn l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi u ta' kontra l-korruzzjoni ġie ukoll enfasizzat bħala dgħufija f'xi Stati Membri.

L-analiżijiet ta' pajjiżi individwali jisħaq fuq it-tħassib fir-rigward tal-integrità tal-**ġudikatura** waqt ħidma fuq każijiet ta' korruzzjoni u tħassib dwar l-indipendenza u l-integrità tagħha, kif muri mill-firxa u n-natura ta' każijiet ta' korruzzjoni li jinvolvu mħallfin jew prosekuturi. Qorti speċjalizzata kontra l-korruzzjoni stabbilita fi Stat Membru wieħed iffaċċjat sfidi konsiderevoli (u anki xoljiment temporanju), li taffettwa l-istabbiltà tagħha u l-kapaċità li tibni rekord konvinċenti.

F'bosta Stati Membri jidher li hemm nuqqas ta' determinazzjoni ġudizzjarja u kapaċità li tittratta każijiet ta' korruzzjoni kumplessi jew sensittivi. F'xi Stati Membri hemm ir-riskju li każijiet ta' korruzzjoni jiġu preskritti fejn proċeduri ġudizzjarji jirriżultaw li jkunu eċċessivament twal u problematiċi. Hemm sitwazzjonijiet li fihom il-mod kif regoli proċedurali jiġu applikati fil-prattika jwassal għal dewmien konsiderevoli, f'xi każijiet l-għan ikun li tiġi evitata l-finalizzazzjoni ta' proċedimenti tal-qorti.

Id-dissważività limitata fis-sentenzi tal-qorti ġiet ukoll enfasizzata f'bosta Stati Membri fejn il-frekwenza ta' sanzjonijiet sospiżi jew dgħajfa għall-korruzzjoni ġew innutati bħala tendenza. Madankollu hemm każijiet oħra fejn il-qrati reċentement taw sentenzi dissważivi ta' ħabs għall-korruzzjoni.

Fi Stat Membru wieħed, ir-rwol ta' tribunali ta' inkjesta ġie vvalutat bħala deċiżiv biex imexxi 'l quddiem riformi leġiżlattivi u istituzzjonali fir-rigward ta' każijiet ta' korruzzjoni, iżda l-analiżi kellha xi dubji wkoll dwar it-tul tal-proċedimenti u l-impatt attwali fuq prosekuzzjonijiet.

***Għandu jiġi nnutat li nuqqasijiet proċedurali ta' spiss jistgħu jostakolaw l-investigazzjoni ta' każijiet ta' korruzzjoni f'ċerti Stati Membri. Eżempji jinkludu dispożizzjonijiet mhux ċari dwar it-tneħħija ta' immunitajiet, jew l-applikazzjoni ħażina tagħhom u l-istatuti ta' limitazzjonijiet li jimpedixxu l-finalizzazzjoni ta' każijiet kumplessi, l-aktar flimkien ma' proċeduri twal jew regoli inflessibbli dwar l-aċċess għal informazzjoni bankarja, li jostakolaw investigazzjonijiet finanzjarji u kooperazzjoni transkonfinali.***

## D. Oqsma ta' riskju speċifiċi

### *Korruzzjoni minuri*

Il-korruzzjoni minuri tibqa' problema mifruxa fi ftit Stati Membri biss. Bosta inizjattivi kontra l-korruzzjoni ma rnexxilhomx jittrattaw il-korruzzjoni minura f'dawn il-pajjiżi. Bosta Stati Membri fejn il-korruzzjoni minura kienet meqjusa bħala problema rikorrenti għexieren ta' snin ilu rnexxielhom jiksbu progress f'dan il-qasam, kif jidher minn stħarriġ dwar l-esperjenzi diretti ma' korruzzjoni li juri xejriet pożittivi u xi kultant anki jikklassifikhom ogħla mill-medja tal-UE f'dan ir-rigward. Minkejja l-progress promettenti lejn it-tnaqqis tal-korruzzjoni minura b'mod ġenerali, għadd ta' Stati Membri għadhom ibatu minn kundizzjonijiet soġġetti għal riskju fis-settur tal-kura tas-saħħa, fejn l-inċentivi biex jagħtu pagamenti kontra trattament differenzjat mhux uffiċjali jippersistu.

### *Ir-riskji ta' korruzzjoni fuq livell reġjonali u lokali*

Ir-riskji ta' korruzzjoni jinstabu li huma aktar għolja fil-livell reġjonali u lokali fejn il-kontrolli, il-bilanċi u l-kontrolli interni għandhom it-tendenza li jkunu iktar dgħajfa milli fil-livell ċentrali. Hemm varjazzjonijiet konsiderevoli f'ċerti Stati Membri fejn tidħol il-governanza tajba u l-effikaċja tal-politiki kontra l-korruzzjoni.[15]

F'bosta Stati Membri, setgħat ta' diskrezzjoni wiesgħa f'idejn l-amministrazzjonijiet ta' gvernijiet reġjonali jew lokali (li wkoll jimmaniġġaw riżorsi konsiderevoli) mhumiex mgħammra b'livell korrispondenti ta' responsabbiltà u ta' mekkaniżmi ta' kontroll. Kunflitti ta' interess iqajmu problemi partikolari fil-livell lokali. Huma meħtieġa aktar sforzi biex ixerrdu prattiki tajbin applikati minn xi reġjuni jew amministrazzjonijiet lokali u biex jinħolqu kundizzjonijiet ugwali, kemm għal uffiċjali eletti u maħtura f'livell lokali, b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards ta' trasparenza, tal-iżvelar tal-assi, il-prevenzjoni u l-issanzjonar tal-kunflitti ta' interessi, kif ukoll għall-kontroll tal-infiq pubbliku.

Fuq nota pożittiva, ġew innotati prattiki effettivi ta' prevenzjoni fil-livell lokali jew reġjonali. Fi Stat Membru wieħed, twaqqaf netwerk ta' aktar minn 200 amministrazzjoni reġjonali,

15 Sejbiet ta' Kwalità tal-Government Institute, University of Gothenburg, l-Isvezja.

muniċipali u provinċjali, biex jaħdmu flimkien għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-infiltrazzjoni tal-mafja f'strutturi pubbliċi.

***Setturi vulnerabbli magħżula***

F'bosta Stati Membri, l-analiżi enfasizzat xi setturi li jidhru partikolarment vulnerabbli għall-korruzzjoni, li talbet għal reazzjonijiet immirati.

L-iżvilupp urban u l-kostruzzjoni huma setturi fejn il-vulnerabbiltajiet ta' korruzzjoni huma normalment għolja madwar l-UE. Huma identifikati fir-rapport bħala partikolarment suxxettibbli għall-korruzzjoni f'xi wħud mill-Istati Membri fejn ħafna każijiet ta' korruzzjoni ġew investigati u kkontestati f'dawn l-aħħar snin. B'reazzjoni għar-riskji f'dan il-qasam, Stat Membru stabbilixxa servizz speċjalizzat tal-prosekuzzjoni għall-ġlieda kontra reati tal-ambjent u tal-ippjanar urban, li jkopri firxa wiesgħa ta' reati, inkluża l-korruzzjoni. L-ippjanar ambjentali kien identifikat bħala qasam vulnerabbli għall-korruzzjoni fi Stat Membru wieħed fejn l-għoti tal-permessi tal-ippjanar, b'mod partikolari għal proġetti fuq skala kbira, kien affettwat minn allegazzjonijiet ta' korruzzjoni u finanzjament illegali ta' partiti.

Il-kura tas-saħħa, settur ieħor fejn vulnerabbiltajiet ta' korruzzjoni jistgħu jidhru fuq il-prodotti kollha, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist u tal-industrija farmaċewtika, ġie vvalutat f'aktar dettall f'għadd ta' Stati Membri. Dawn il-pajjiżi attwalment qed jiżviluppaw strateġiji u riformi biex jindirizzaw il-korruzzjoni fil-kura tas-saħħa. Madankollu, riżultati tanġibbli huma skarsi s'issa. Pagamenti informali, u l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku u fis-settur farmaċewtiku jibqgħu kwistjonijiet ta' tħassib.

Il-korruzzjoni fl-amministrazzjoni tat-taxxa, li ġiet enfasizzata bħala problema serja f'Stat Membru wieħed, teħtieġ risposta strateġika mmirata.

B'mod ġenerali, fil-biċċa l-kbira tagħhom, l-Istati Membri msemmija hawn fuq għandhom nuqqas ta' mekkaniżmi ta' evalwazzjoni tar-riskji koerenti jew ta' strateġiji speċifiċi għas-settur biex jindirizzaw il-korruzzjoni f'setturi vulnerabbli.

***L-integrità u t-trasparenza tas-settur finanzjarju***

Il-bżonn ta' standardsta' integrità u ta' trasparenza imtejba fis-settur finanzjarju ta' spiss tqajjem wara l-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja. Dan ir-rapport qajjem dawn il-kwistjonijiet fir-rigward ta' għadd ta' Stati Membri.

Rapport mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa jorbot "każijiet kbar ta' korruzzjoni" mal-evażjoni tat-taxxa permezz ta' kumpaniji offshore u rifuġji fiskali.[16] Ir-rapport jirreferi għall-Inizjattiva tal-Irkupru tal-Assi Misruqa (Stolen Asset Recovery) tal-Bank Dinji[17] u l-UNODC li analizza 150 każ ta' korruzzjoni u sab rabta diretta bejn korruzzjoni fuq skala kbira minn uffiċjali pubbliċi ta' livell għoli u l-ħabi ta' assi misruqa permezz ta' kumpaniji, fondazzjonijiet u trusts inattivi opaki. Barra minn hekk, hu jindika l-ostakoli għall-investigazzjoni u l-lokalizzazzjoni ta' assi misruqa minħabba nuqqas ta' aċċess għal informazzjoni dwar il-proprjetà benefiċjarja u l-użu ta' strutturi korporattivi multi-ġurisdizzjonali sofistikati.

16 http://assembly.coe.int/ASP/XRef/X2H-DW-XSL.asp?fileid=18151&lang=EN.
17 http://star.worldbank.org/star/.

L-istess rapport mill-Assemblea Parlamentari elenka Stat Membru wieħed fost il-membri tal-Kunsill tal-Ewropa li "jagħti kenn jew jittollera bejn wieħed u ieħor arranġamenti dubjużi finanzjarji u legali tas-sistema offshore". Aktar riċenti, l-Istat Membru inkwistjoni ħabbar pjanijiet biex jirrivedi l-qafas legali tiegħu dwar l-aċċess għal informazzjoni bankarja.

Fi Stat Membru ieħor, kontroversji riċenti li jinvolvu s-settur finanzjarju, inklużi banek kbar, fuq kwistjonijiet bħall-iffissar tar-rati ta' interess, self irresponsabbli u spekulattiv, u nuqqas ta' eżerċitar ta' diliġenza xierqa, qajmu tħassib dwar ir-regolament u l-infurzar tar-regoli eżistenti. Ir-rwol tal-banek li jiffaċilitaw jew jippermettu l-ħasil tal-flus ġie wkoll diskuss b'mod wiesa'. Pjanijiet għal reġistru pubblikament aċċessibbli tas-sidien ta' kumpaniji rreġistrati għandhom l-għan li jtejbu t-trasparenza.

Stat Membru ieħor impenja ruħu li jsaħħaħ is-superviżjoni bankarja u l-qafas regolatorju tiegħu, kif ukoll salvagwardji kontra l-ħasil tal-flus.

***Tixħim barrani***

L-Istati Membri li jindirizzaw effettivament il-korruzzjoni fi ħdan il-fruntieri tagħhom stess ta' spiss jiffaċċjaw sfidi fir-rigward tal-imġiba ta' impriżi barranin, speċjalment f'pajjiżi fejn huma mifruxa prattiki korrotti. L-OECD tagħmel monitoraġġ strett f'dan il-qasam, waqt li tagħmel enfasi fl-evalwazzjonijiet regolari tagħha kemm fuq ir-riżultati ta' infurzar tajbin kif ukoll fuq dawk li huma inqas sodisfaċenti. Teżisti prassi tajba f'għadd ta' Stati Membri, kemm fir-rigward ta' numru sinifikanti ta' prosekuzzjonijiet b'suċċess u livell għoli ta' sanzjonijiet, fil-prijoritizzazzjoni ta' każijiet barranin ta' tixħim kif ukoll fl-adozzjoni riċenti ta' att komprensiv dwar it-tixħim li jsaħħaħ l-għodod legali u proċedurali għall-prevenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni, speċjalment ta' tixħim barrani.

| |
|---|
| *Qafas leġiżlattiv sod biex jiġi indirizzat tixħim domestiku u barrani — l-Att dwar it-Tixħim tar-Renju Unit*<br><br>*L-Att dwar it-Tixħim tal-2010, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2011, ipoġġi r-Renju Unit fost il-pajjiżi b'regoli kontra t-tixħim l-iktar b'saħħithom fid-dinja. Mhux biss jikkriminalizza l-ħlas u l-aċċettazzjoni ta' tixħim u wkoll il-każ ta' tixħim ta' uffiċjali barranin iżda jestendi wkoll ir-responsabbiltà kriminali għal organizzazzjonijiet kummerċjali li jonqsu milli jipprevjenu t-tixħim imwettaq f'isimhom. Dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni extra-territorjali jippermettu l-Uffiċċju ta' Frodi Serji (SFO) biex iħarrek kwalunkwe kumpanija, jew persuna assoċjata, bi preżenza tar-Renju Unit, anki jekk il-kumpanija hija bbażata 'barra l-pajjiż. Organizzazzjonijiet kummerċjali huma eżonerati mir-responsabilità kriminali jekk kellhom proċeduri adegwati biex jipprevjenu t-tixħim.*<br><br>*Il-Gwida ta' akkumpanjament għal Organizzazzjonijiet Kummerċjali (GCO) mill-SFO tippromwovi għarfien dwar il-qafas leġiżlattiv il-ġdid u tiggwida n-negozji b'mod prattiku (inklużi studji ta' każiijet) dwar l-obbligi tagħhom skont l-Att sabiex jiġi evitat jew skopert it-tixħim. Skont ir-rakkomandazzjoni tal-OECD preċedenti, GCO tagħmilha ċara li l-iffaċilitar ta' pagamenti huwa kkunsidrat bħala tixħim illegali u tipprovdi lin-negozji b'kriterji li jiddifferenzjaw l-ospitalità minn forom ta' tixħim moħbija.*<br><br>*L-SFO għandha poteri wiesgħa biex tinvestiga u tressaq frodi serja u kumplessa, inkluża l-korruzzjoni. F'ċerti ċirkostanzi, l-SFO tista' tikkunsidra ordnijiet ta' rkupru ċivili u saldu skont il-linji gwida preċedenti.* |

L-OECD kkritikat Stati Membri oħra għal prosekuzzjoni insuffiċjenti jew ineżistenti ta' tixħim barrani, meta jitqiesu r-riskji ta' korruzzjoni li jiffaċċjaw il-kumpaniji tagħhom barra minn pajjiżhom.

***Kumpaniji tal-Istat***

F'xi Stati Membri, jeżistu xi nuqqasijiet rigward is-superviżjoni ta' kumpaniji tal-Istat, pereżempju fejn il-leġiżlazzjoni mhijiex ċara u l-politiċizzazzjoni iċċaħħad ħatriet ibbażati fuq il-mertu u t-tiftix tal-interess pubbliku. Barra minn hekk, m'hemmx biżżejjed salvagwardji kontra l-korruzzjoni jew mekkaniżmi biex jevitaw u jissanzjonaw il-kunflitti ta' interess. Hemm ftit trasparenza dwar l-allokazzjoni ta' fondi u, f'xi każijiet, xiri ta' servizzi minn dawn il-kumpaniji. Investigazzjonijiet riċenti f'użu allegatament ħażin ta' fondi, prattiki ta' korruzzjoni u ħasil tal-flus marbuta ma' kumpaniji tal-Istat jindikaw il-livell għoli ta' riskji f'dan il-qasam, kif ukoll id-dgħufija ta' kontroll u ta' prevenzjoni.

Għal ftit mill-Istati Membri, ir-rapport jenfasizza l-ħtieġa għal aktar trasparenza u kontrolli effiċjenti fuq proċessi aċċelerati ta' privatizzazzjoni li jistgħu jqajmu r-riskji tal-korruzzjoni.

***Rabtiet bejn il-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata***

Fl-Istati Membri fejn il-kriminalità organizzata twassal għal problemi konsiderevoli, il-korruzzjoni ta' spiss tintuża bħala faċilitatur. Fi Stat Membru wieħed, bosta każijiet ta' finanzjament allegat illegali ta' partiti f'livell ċentrali jew reġjonali kienu wkoll marbuta ma' gruppi tal-kriminalità organizzata. Rabtiet bejn gruppi tal-kriminalità organizzata, in-negozji u l-politiċi jibqgħu ta' tħassib għal dawk l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-livelli reġjonali u lokali, u fl-akkwist pubbliku, il-kostruzzjoni, is-servizzi ta' manutenzjoni, il-ġestjoni tal-iskart u setturi oħra. Ir-riċerka wriet li fi Stat Membru ieħor il-kriminalità organizzata teżerċita influwenza fil-livelli kollha, inkluż fil-politika. Il-korruzzjoni politika hemmhekk ta' spiss titqies bħala għodda għall-ksib ta' aċċess dirett jew indirett ta' poter; dak il-pajjiż kien ikkunsidrat bħala wieħed li jkollu l-ogħla livell ta' ekonomija illegali fost l-Istati Membri tal-UE. Il-korruzzjoni ġenerali għadha theddida serja bħala mezz għal gruppi tal-kriminalità organizzata li tinfiltra fis-setturi pubbliċi u privati, kif iddikjarat mill-Valutazzjoni tal-UE tat-Theddid mill-Kriminalità Organizzata u l-Kriminalità Serja mwettqa fl-2013 minn Europol.

## E. Kwistjonijiet ta' sfond

***Hemm numru ta' kwistjonijiet ta' sfond li — għalkemm mhux fihom infushom neċessarjament marbuta mal-korruzzjoni — jista' jkollhom impatt fuq ambjent li jista' jiftaħ il-bieb għall-korruzzjoni. Politiki effettivi f'dawn l-oqsma għandhom l-effett li jnaqqsu l-opportunitajiet għall-korruzzjoni.***

***Politiki ta' trasparenza u l-libertà tal-informazzjoni***

Il-ftuħ u t-trasparenza jistgħu jaġixxu bħala diżinċentiv għall-korruzzjoni, u jistgħu jgħinu biex jiżvelaw trasgressjonijiet li jistgħu jseħħu. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom leġiżlazzjoni adegwata f'dan il-qasam, u xi ftit qegħdin fit-triq it-tajba biex jadottaw liġijiet, l-implimentazzjoni ta' standards ta' trasparenza hija irregolari. Stat Membru wieħed żviluppa applikazzjoni onlajn li tagħti ħarsa lejn in-nefqa tas-settur pubbliku kollha fuq oġġetti u servizzi *(ara wkoll is-sezzjoni għall-akkwist pubbliku).* Tipprovdi wkoll dettalji dwar il-ġestjoni u l-bordijiet superviżorji f'kumpaniji kkontrollati mill-Istat u li huma proprjetà tal-Istat u dwar ir-rapporti annwali kollha tagħhom.

Politiki effettivi kontra l-korruzzjoni f'xi Stati Membri joħorġu parzjalment minn tradizzjoni ta' ftuħ, trasparenza u żvelar ta' dokumenti.

*Passi lejn it-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet fl-amministrazzjoni pubblika — il-Greċja*

*Liġi adottata fl-2010*[18] *tobbliga lill-istituzzjonijiet pubbliċi kollha biex jippubblikaw onlajn id-deċiżjonijiet tagħhom, inkluż fir-rigward tal-akkwist pubbliku. Mill-1 ta' Ottubru 2010, l-istituzzjonijiet pubbliċi kollha, l-awtoritajiet regolatorji u l-gvernijiet lokali huma obbligati li jtellgħu onlajn id-deċiżjonijiet tagħhom permezz tal-programm "Clarity" (diavgeia — διαύγεια).*[19] *Id-deċiżjonijiet ta' entitajiet pubbliċi ma jistgħux jiġu implimentati jekk ma jkunux imtellgħin fuq il-websajts ta' Clarity. Huma biss id-deċiżjonijiet li jkun fihom dejta personali u/jew informazzjoni sensittiva dwar is-sigurtà nazzjonali li huma eżentati minn dan l-obbligu. Kull dokument huwa ffirmat b'mod diġitali u awtomatikament assenjat numru uniku. Jekk ikun hemm diskrepanza bejn it-test ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-websajts ta' Clarity, huwa dan tal-aħħar li jipprevali. Kuntratti pubbliċi konklużi huma ppubblikati wkoll.*

***Protezzjoni tal-informatur***

Mekkaniżmi adegwati ta' żvelar li jikkodifikaw proċessi fl-amministrazzjonijiet pubbliċi biex jippermettu kanali uffiċjali li jirrappurtaw dak li jistgħu jqisu bħala irregolaritajiet jew anki atti illegali jistgħu jgħinu biex jingħelbu l-problemi inerenti ta' skoperta ta' korruzzjoni (u wkoll fl-oqsma l-oħra). Madankollu, l-iżvelar jiffaċċja diffikultajiet minħabba nuqqas ta' rieda ġenerali li jiġu rrapportati atti bħal dawn fl-organizzazzjoni proprja, u l-biża' ta' ritaljazzjoni. F'dan ir-rigward, il-bini ta' kultura ta' integrità f'kull organizzazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, u l-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' protezzjoni effettiva li jagħtu kunfidenza lil informaturi potenzjali huma ta' importanza ċentrali.[20]

***Trasparenza ta' lobbying***

Fid-dinja kumplessa ta' tfassil ta' politika pubblika, huwa mixtieq għal amministrazzjonijiet pubbliċi biex jinvolvu ruħhom fi djalogu kontinwu ma' partijiet interessati esterni. Il-partijiet kollha interessati għandhom ikunu jistgħu jagħtu l-opinjoni tagħhom, iżda dan għandu jsir b'mod trasparenti. Hekk kif attivitajiet ta' lobbying jistgħu jżidu r-riskji ta' korruzzjoni u qbid regolatorju, huwa mixtieq li jkun hemm mekkaniżmi fis-seħħ biex jinkwadraw dawn l-attivitajiet, kemm permezz ta' leġiżlazzjoni kif ukoll permezz ta' reġistrazzjoni volontarja ta' lobbyists.

Mekkaniżmi bħal dawn jistgħu jgħinu biex joħolqu kemm ċarezza kif ukoll trasparenza fir-relazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi u l-partijiet interessati esterni. Bħala tali, dawn jistgħu jgħinu biex inaqqsu r-riskju ta' korruzzjoni. S'issa, dan il-qasam ġie żviluppat f'relattivament ftit Stati Membri, għalkemm xi Stati Membri oħra qed ilestu leġiżlazzjoni jew regoli jew qed jaraw il-possibbiltà li jiġu introdotti mekkaniżmi ġodda.

18 Liġi 3861/2010.
19 http://diavgeia.gov.gr/en.
20 Transparency International wettqet, fi proġett kofinanzjat tal-UE, analiżi komparattiva tal-qafas legali dwar il-protezzjoni tal-informanti madwar l-UE, ara http://www.transparency.org/whatwedo/pub/whistleblowing_in_europe_legal_protections_for_whistleblowers_in_the_eu .

# IV. Akkwist Pubbliku

## A. Ħarsa ġenerali lejn il-qafas tal-UE

### *Id-daqs tas-suq tal-akkwist pubbliku fl-UE*

L-akkwist pubbliku huwa element sinifikanti tal-ekonomiji nazzjonali fl-UE. Madwar 20 % tal-PDG tal-UE jintefaq kull sena mill-awtoritajiet pubbliċi u minn entitajiet regolati mil-liġi pubblika għall-akkwist ta' oġġetti, servizzi u xogħlijiet.[21] Madwar 20 % ta' dan it-total jikkonċerna akkwist pubbliku li jaqbeż il-limiti li 'l fuq minnhom japplikaw ir-regoli ta' akkwist tal-UE. Il-Kummissjoni stmat li l-valur totali ta' sejħiet għal offerti ogħla minn dawk il-limiti tal-UE kien ta' madwar EUR 425 biljun fl-2011.[22]

### *Rilevanza ta' akkwist pubbliku tal-linji politiċi kontra l-korruzzjoni*

Minħabba l-livell ta' flussi finanzjarji ġġenerat, u numru ta' fatturi oħra, l-akkwist pubbliku huwa qasam suxxettibbli għal prattiki ta' korruzzjoni. Skont riċerka tal-2008 dwar l-akkwist pubbliku u l-korruzzjoni, l-ispejjeż miżjuda ma' kuntratt b'riżultat ta' prattiki ta' korruzzjoni jistgħu jammontaw għal bejn 20 % sa 25 %, u f'xi każijiet anki 50 % tal-ispiża totali tal-kuntratt.[23] Kif indikat mill-OECD fil-Prinċipji għall-Integrità fl-Akkwist Pubbliku, *"governanza dgħajfa tfixxkel il-kompetizzjoni tas-suq u żżid il-prezz imħallas mill-amministrazzjoni għal oġġetti u servizzi, b'impatt dirett fuq nefqiet pubbliċi u għalhekk fuq ir-riżorsi ta' dawk li jħallsu t-taxxi. L-interessi finanzjarji involuti u l-interazzjoni mill-qrib bejn is-setturi pubbliċi u dak privati, ipoġġu l-akkwist pubbliku f'qasam ta' riskju kbir. [...]"*[24]

Studju tal-2013 dwar l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku fl-UE kkonkluda li fl-2010 l-ispejjeż diretti totali tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku għal ħames setturi biss (jiġifieri bit-triq u bil-ferrovija; l-ilma u l-iskart; il-kostruzzjoni urbana/ta' utilità; it-taħriġ; ir-riċerka u l-iżvilupp) fi tmien Stati Membri[25] kienu bejn EUR 1,4 biljun sa EUR 2,2 biljun.[26]

Il-valutazzjonijiet tal-pajjiżi individwali ta' dan ir-rapport jindikaw l-akkwist pubbliku bħala wieħed mill-oqsma l-aktar vulnerabbli għal korruzzjoni, kif juru wkoll għadd ta' każijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli li jinvolvu pajjiż wieħed jew aktar. Minħabba li livell ta' riskju ta' korruzzjoni fil-proċess tal-akkwist pubbliku huwa pjuttost għoli, is-salvagwardji kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku huma kwistjoni ta' prijorità kemm għall-Istati Membri tal-UE kif ukoll għall-istituzzjonijiet tal-UE.[27]

Dgħufijiet fil-prevenzjoni u t-trażżin tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku jaffettwaw l-immaniġġjar ħażin ta' fondi nazzjonali u tal-UE.

---

21 http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/modernising_rules/public-procurement-indicators-2011_en.pdf.
22 http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/modernising_rules/public-procurement-indicators-2011_en.pdf.
23 http://www.nispa.org/files/conferences/2008/papers/200804200047500.Medina_exclusion.pdf.
24 Il-Prinċipji għall-Integrità fl-Akkwist Pubbliku tal-OECD, http://www.oecd.org/gov/ethics/48994520.pdf.
25 Franza, l-Italja, l-Ungerija, il-Litwanja, l-Olanda, il-Polonja, ir-Rumanija u Spanja.
26 "L-Identifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Korruzzjoni fl-Akkwist Pubbliku fl-UE — l-Iżvilupp ta' metodoloġija biex jistmaw l-ispejjeż diretti ta' korruzzjoni u elementi oħra ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni tal-UE fil-qasam ta' kontra l-korruzzjoni", it-30 ta' Ġunju 2013, PriceWaterhouseCoopers u ECORYS.
27 Aktar eżempji speċifiċi huma mogħtija fit-taqsima dwar prattiki pożittivi u negattivi.

### *Il-qafas legali attwali tal-UE*

L-objettiv ewlieni tal-leġiżlazzjoni dwar l-akkwist pubbliku (jiġifieri d-Direttiva tal-"Akkwist Pubbliku", id-Direttiva tal-"Utilitajiet", id-Direttiva li tkopri l-akkwist pubbliku fis-setturi tad-difiża u tas-sigurtà u d-Direttiva tar-"Rimedji")[28] huwa li jiġi żgurat ir-rispett għall-prinċipji tat-Trattat fuq il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-prinċipji tal-moviment ħieles ta' oġġetti, il-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tipprovdi servizzi, kif ukoll prinċipji oħrajn derivanti minnha. Il-liġi tal-akkwisti pubbliċi għandha l-għan li tiżgura li s-swieq pubbliċi ta' akkwist għandhom jinżammu miftuħin madwar l-Unjoni kollha sabiex jikkontribwixxu għall-aktar użu effiċjenti tal-fondi pubbliċi, u b'hekk tiġi promossa pjattaforma ġusta, uniformi u trasparenti għall-infiq pubbliku. Din tista' tinfluwenza b'mod pożittiv politiki globali kontra l-korruzzjoni tal-UE fejn it-trasparenza u l-kompetizzjoni ġusta għandhom rwol importanti fil-prevenzjoni ta' prattiki ta' korruzzjoni.

Il-leġiżlazzjoni tal-akkwisti pubbliċi tinkludi wkoll dispożizzjonijiet li huma aktar direttament rilevanti għal politiki kontra l-korruzzjoni bħall-esklużjoni mill-proċess tas-sejħiet għall-offerti ta' entità kontra deċiżjoni finali tal-qorti dwar akkużi ta' korruzzjoni li tkun ġiet mogħtija, dispożizzjonijiet dettaljati dwar pubbliċità u trasparenza ta' diversi stadji taċ-ċiklu tal-akkwist, l-istandards minimi għal rimedji, id-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar offerti baxxi b'mod anormali, kif ukoll id-dispożizzjonijiet li jistabbilixxu ċerti rekwiżiti għall-modifika ta' kuntratti. L-għoti ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet attwalment huwa soġġett għal għadd limitat ta' dispożizzjonijiet tal-liġi sekondarja[29] filwaqt li l-konċessjonijiet ta' servizzi huma koperti biss mill-prinċipji ġenerali tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Xi Stati Membri għandhom dispożizzjonijiet legali speċifiċi li jittrattaw il-korruzzjoni fil-qasam tal-akkwist pubbliku jew japplikaw miżuri speċifiċi mmirati li jnaqqsu r-riskju ta' korruzzjoni kif dettaljat aktar 'l isfel. Ħafna mill-Istati Membri madankollu jindirizzaw il-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku permezz tal-leġiżlazzjoni ġenerali tagħhom dwar il-korruzzjoni.

Bażi ta' dejta Elettronika ta' Kuljum tal-Offerti (TED), il-verżjoni onlajn tas-"Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea", hija aġġornata regolarment b'offerti minn madwar l-Ewropa. Avviżi ta' kuntratti u avviżi ta' għoti ta' kuntratti 'l fuq mil-limiti tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku huma ppubblikati fil-ĠU/TED. Ir-Rieżami Annwali tal-Implimentazzjoni tal-Akkwisti Pubbliċi tal-2012 innota li n-numru ta' avviżi ta' kuntratti u avviżi ta' għoti ta'

---

28 Id-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi, ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114; Id-Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali, ĠU L 134, 30.4.2004, p. 1; Id-Direttiva 2009/81/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri għall-għoti ta' ċerti kuntratti ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti fl-oqsma tad-difiża u s-sigurtà, u li temenda d-Direttiva 2004/17/KE u d-Direttiva 2004/18/KE, ĠU L 216, 20.8.2009, p. 76.

Id-Direttiva 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi, ĠU L 395, 30.12.1989, p. 33, kif emendata mid-Direttiva 2007/66/KE u mid-Direttiva tal-Kunsill 92/13/KEE tal-25 ta' Frar 1992 li tikkoordina l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li jirrelataw mal-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar il-proċeduri ta' akkwist ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u t-telekomunikazzjoni, ĠU L 76, 23.3.1992, p. 14-20.

29 L-għoti ta' konċessjonijiet ta' xogħlijiet huwa preżentament soġġett għal regoli bażiċi tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi, filwaqt li l-għoti ta' konċessjonijiet ta' servizzi b'interess transfruntier huwa suġġett għall-prinċipji tat-Trattat, u b'mod partikolari l-prinċipju tal-moviment liberu tal-prodotti, il-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll mal-prinċipji li joħorġu minnhom bħat-trattament ugwali, in-nondiskriminazzjoni, ir-rikonoxximent reċiproku, il-proporzjonalità u t-trasparenza.

kuntratti reklamati kompla jikber b'mod stabbli matul dawn l-aħħar snin.[30] Dan juri li d-direttivi u t-TED ikkontribwixxew biex tiżdied il-pubbliċità tal-offerti u tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

***Il-monitoraġġ tal-applikazzjoni korretta tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku***

Fit-twettiq tar-rwol tagħha bħala gwardjana tat-Trattati, f'każijiet ta' vjolazzjoni potenzjali tar-regoli Ewropej dwar l-akkwist pubbliku, il-Kummissjoni taġixxi fuq ilmenti jew fuq inizjattiva tagħha stess. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni timpenja ruħha biex tiżgura konformità mar-regoli tal-akkwist pubbliku jkunu x'ikunu r-raġunijiet għal ksur tagħhom, irrispettivament minn jekk il-ksur ikunx twettaq konxjament jew hu r-riżultat ta' nuqqas ta' għarfien jew żbalji.

Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni ma tinvestigax jekk ksur tar-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku jistax ikun minħabba korruzzjoni. Din taqa' fi ħdan il-kompetenza tal-Istati Membri. Madankollu, il-proċeduri ta' ksur[31] ta' spiss jirreferu għal ċerti irregolaritajiet li jindikaw vulnerabbiltajiet fl-applikazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku li huma wkoll rilevanti ħafna għall-valutazzjoni tal-effettività tal-prevenzjoni ta' korruzzjoni u tal-mekkaniżmi ta' kontroll.

Ir-Rieżami Annwali tal-Implimentazzjoni tal-Akkwisti Pubbliċi tal-2012 tal-Kummissjoni jiġbed l-attenzjoni għal 97 każ ta' ksur pendenti ta' applikazzjoni mhux korretta tar-regoli tal-akkwist pubbliku, fejn aktar minn nofshom huma rigward tliet Stati Membri biss. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-każijiet huma relatati ma' allegazzjonijiet ta': użu mhux ġustifikat tal-proċedura negozjata mingħajr pubblikazzjoni minn qabel, diskriminazzjoni, għotjiet diretti, nuqqas ta' trasparenza, emenda mhux ġustifikata tal-kuntratt, applikazzjoni mhux korretta tar-regoli interni jew ksur tal-prinċipji ġenerali tat-Trattat.[32]

Meta jitqiesu t-tipi ta' każijiet fejn il-Kummissjoni tiftaħ proċeduri ta' ksur għal ksur allegat tar-regoli tal-UE dwar il-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi il-proċedura nnegozjata mingħajr il-pubblikazzjoni hija t-tip ta' proċedura l-aktar milquta mill-irregolaritajiet. Ħafna każijiet ta' applikazzjoni ħażina jikkonċernaw is-settur tal-infrastruttura, segwit mid-drenaġġ/skart, l-akkwist ta' servizzi tal-IT, il-ferroviji, is-settur tas-saħħa u l-enerġija.

***Riformi leġiżlattivi tal-UE li għaddejjin bħalissa***

30 SWD(2012) 342 finali: http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/implementation/20121011-staff-working-document_en.pdf.

31 Proċeduri ta' ksur ifissru proċeduri mnedija mill-Kummissjoni Ewropea kontra Stat Membru fil-każ ta' allegat nuqqas ta' konformità mal-liġi tal-UE. Kull Stat Membru hu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-liġi tal-UE (l-implimentazzjoni ta' miżuri qabel data ta' għeluq speċifika, il-konformità u l-applikazzjoni korretta) fis-sistema legali tiegħu stess. Il-Kummissjoni hija responsabbli mill-ħarsien tal-applikazzjoni xierqa tal-liġi tal-UE. B'hekk, meta Stat Membru jonqos permezz ta' att jew ommissjoni milli jikkonforma mal-liġi tal-UE, il-Kummissjoni Ewropea għandha s-setgħat tagħha stess biex tipprova ttemm tali kontravvenzjoni ("ksur") tal-liġi tal-UE u, fejn ikun meħtieġ, tista' tirreferi l-każ lill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Il-Kummissjoni tista' tniedi tliet tipi ta' proċeduri ta' ksur: jiġifieri fil-każ ta' nuqqas ta' avviż ta' miżuri ta' implimentazzjoni fi żmien tajjeb tal-iskadenzi stabbiliti, meta t-traspożizzjoni mhijiex konformi mar-regoli tal-UE u fejn hemm applikazzjoni mhux korretta (azzjoni jew ommissjoni attribwibbli għall-Istati Membri).

32 Ksur ieħor kien jinkludi: konfużjoni tal-kriterji ta' għażla u ta' għoti, l-applikazzjoni mhux korretta tar-regoli dwar il-kooperazzjoni pubblika-pubblika (ħlief intern), il-kalkolu tal-valur tal-kuntratt, il-kriterji tal-għażla (problemi minbarra kriterji diskriminatorji), l-esklużjoni mhux dovuta mill-proċedura, ftehimiet ta' qafas u l-użu żejjed ta' eżenzjoni tad-difiża u s-sigurtà.

Evalwazzjoni ekonomika komprensiva uriet li d-Direttivi dwar l-Akkwisti Pubbliċi laħqu l-għanijiet tagħhom b'mod konsiderevoli.[33] Dawn wasslu għal aktar trasparenza, livelli ogħla ta' kompetizzjoni u ffrankar sostanzjali permezz ta' prezzijiet aktar baxxi. Madankollu, aktar titjib huwa kkunsidrat meħtieġ għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri, u għat-tisħiħ tal-garanziji kontra l-frodi u kontra l-korruzzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni f'Diċembru 2011 ipproponiet reviżjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida proposta tkopri l-akkwist fis-setturi ta' servizzi tal-ilma, tal-enerġija, tas-servizzi postali,[34] kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi, ta' provvisti u ta' servizzi,[35] kif ukoll konċessjonijiet, regolati fil-livell tal-UE. Il-Kummissjoni pproponiet dispożizzjonijiet dwar il-konflitti ta' interess (għall-ewwel darba ddefiniti fil-leġiżlazzjoni tal-UE), dejta ċentralizzata dwar korruzzjoni, frodi u kunflitti ta' interess, regoli aktar stretti dwar il-modifika tal-kuntratti u kriterji usa' ta' esklużjoni, u l-monitoraġġ ta' kuntratti konklużi. Il-proposta tal-Kummissjoni attwalment qed tiġi diskussa fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Il-proposta inkludiet ukoll it-twaqqif ta' monitoraġġ ta' sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-regoli tal-akkwist pubbliku, immarkar aħmar u sistemi ta' allarm għall-iskoperta tal-frodi u l-korruzzjoni. Madankollu, Stati Membri qajmu oġġezzjonijiet fundamentali għal dawn il-miżuri li kienu kkunsidrati bħala wisq ingombranti għall-amministrazzjonijiet tagħhom.

Il-proposta dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni[36] għandha l-għan li tnaqqas l-inċertezza fl-għoti ta' kuntratti bħal dawn u tfittex li trawwem investiment pubbliku u privat f'infrastrutturi u servizzi strateġiċi li jagħtu l-aħjar valur għall-flus. Id-Direttiva proposta dwar il-konċessjonijiet fiha wkoll dispożizzjonijiet li jeħtieġu li l-Istati Membri jadottaw ir-regoli li jiġġieldu n-nepotiżmu jew il-korruzzjoni u li jevitaw il-konflitti ta' interess, immirati li jiżguraw it-trasparenza tal-proċedura tal-għoti u t-trattament ugwali lill-offerenti kollha.

Il-pakkett il-ġdid tal-akkwist pubbliku huwa mistenni li jiġi adottat kmieni fl-2014.

***Riżultati tal-istħarriġiet tal-Ewrobarometru dwar il-korruzzjoni***

Skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru Flash tal-2013 dwar il-korruzzjoni rilevanti għal negozji[37], aktar minn tlieta minn għaxar (32 %)kumpaniji fl-Istati Membri li ħadu sehem fl-akkwist pubbliku jgħidu li l-korruzzjoni żammithom milli jirbħu kuntratt. Din l-opinjoni hi l-aktar popolari fost kumpaniji fis-setturi tal-kostruzzjoni (35 %) u tal-inġinerija (33 %). Aktar minn nofs ir-rappreżentanti tal-kumpaniji mill-Bulgarija (58 %), is-Slovakkja (57 %), Ċipru (55 %) u r-Repubblika Ċeka (51 %) jgħidu li dan kien il-każ.

33 Rapport ta' evalwazzjoni, (SEC(2011) 853 finali).
34 COM(2011) 895 finali: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0895:FIN:MT:PDF.
35 COM(2011) 896 finali: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0896:FIN:MT:PDF.
36 COM(2011) 897 finali: http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2011:0897:FIN:MT:PDF
37 Ewrobarometru Flash 374 tal-2013.




Skont l-istess stħarriġ, burokrazija żejda (21 %) u l-kriterji li jidhru li jkunu mfassla speċifikament għal ċerti parteċipanti (16 %) huma r-raġunijiet ewlenin għalfejn kumpaniji ma ħadux sehem f'offerta pubblika/proċess ta' akkwist f'dawn l-aħħar tliet snin. Iktar minn erba' minn kull għaxar kumpaniji jgħidu li l-prattiki illegali f'proċeduri ta' akkwist pubbliku huma mifruxa ma' kullimkien, b'mod partikolari speċifikazzjonijiet magħmula apposta għal kumpaniji speċifiċi (57 %), il-kunflitt ta' interess fl-evalwazzjoni tal-offerti (54%), offerti kollużivi (52 %), kriterji ta' għażla u ta' evalwazzjoni mhux ċari (51 %), l-involviment ta' offerenti fit-tfassil ta' speċifikazzjonijiet (48 %), l-abbuż ta' proċeduri negozjati (47 %), l-abbuż ta' raġunijiet ta' emerġenza għall-ġustifikazzjoni ta' użu mhux kompetittiv jew proċedura rapida (46 %), emendi fit-termini tal-kuntratt wara l-konklużjoni tal-kuntratt (44 %). Kumpaniji tal-inġinerija u tal-kostruzzjoni huma ġeneralment l-iktar probabbli li jistqarru li dawn il-prattiki kollha huma mifruxa.

Aktar minn nofs il-kumpaniji kollha jgħidu li l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku ġestita minn awtoritajiet nazzjonali (56 %) jew minn awtoritajiet reġjonali/lokali (60 %) hija mifruxa ma' kullimkien.

Skont l-istħarriġ speċjali tal-Ewrobarometru tal-2013 dwar il-korruzzjoni, (45 %) tal-Ewropej intervistati jemmnu li t-tixħim u l-abbuż ta' pożizzjonijiet tal-poter għal vantaġġ personali huma mifruxa fost l-uffiċjali li jagħtu l-offerti pubbliċi. Il-pajjiżi fejn dawk li wieġbu x'aktarx jaħsbu li hemm korruzzjoni mifruxa fost uffiċjali fl-għoti ta' offerti pubbliċi jinkludu r-Repubblika Ċeka (69 %), il-Pajjiżi l-Baxxi (64 %), il-Greċja (55 %), is-Slovenja (60 %), il-Kroazja (58 %) u l-Italja (55 %). Pajjiżi bil-perċezzjonijiet positivi l-aktar konsistenti ta' uffiċjali f'dan il-qasam jinkludu d-Danimarka (22 %), flimkien mal-Finlandja (31 %), l-Irlanda (32 %), il-Lussemburgu (32 %) u r-Renju Unit (33 %).

## B. Prattiki pożittivi u negattivi fl-indirizzar tar-riskji tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku

### *Kummenti ġenerali*

Dan il-kapitolu janalizza r-riskji ta' korruzzjoni assoċjati ma' akkwist pubbliku bbażat fuq is-sejbiet ta' valutazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż ta' dan ir-Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni, kif ukoll fuq l-istudji u d-dejta oħra tal-Kummissjoni. L-istadji kollha taċ-ċiklu tal-akkwist pubbliku huma kkunsidrati għall-għan tal-analiżi attwali: jiġifieri t-tfigħ tal-offerti minn qabel (inkluża l-ħtieġa għal valutazzjoni u speċifikazzjonijiet), it-tfigħ ta' offerti (inkluż l-proċess kuntrattwali: l-għażla, l-evalwazzjoni u l-għoti ta' kuntratt) u l-għoti ta' wara. Il-fażi tal-implimentazzjoni tal-kuntratti titqies ukoll. Dan huwa skont l-analiżi tal-OECD datata fl-2009 li enfasizzat il-ħtieġa li tieħu aktar miżuri sabiex timpedixxi r-riskji ta' korruzzjoni li jseħħu matul iċ-ċiklu tal-akkwist pubbliku kollu, li jibda b'fażi ta' valutazzjoni ta' ħtiġijiet sal-ġestjoni ta' kuntratti u pagamenti, inklużi wkoll l-użu ta' sigurtà nazzjonali u l-akkwist ta' emerġenza.[38]

Filwaqt li din it-taqsima ġeneralment tagħti ħarsa lejn prattiki pożittivi u negattivi madwar l-UE, l-aspetti tal-akkwist pubbliku ġew ukoll analizzati aktar fil-fond f'xi kapitoli speċifiċi għall-pajjiżi. L-għażla ta' Stati Membri li għalihom saret tali analiżi profonda speċifika għall-pajjiż dwar ir-riskji ta' korruzzjoni fl-akkwist pubbliku kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-firxa tal-problema u/jew is-serjetà tal-isfidi li qamu f'dawk il-pajjiżi partikolari. Dan ma jfissirx li kwistjonijiet ta' akkwist pubbliku ma jeħtiġux iktar attenzjoni fl-Istati Membri l-oħrajn, iżda li l-Kummissjoni ddeċidiet li tingħata aktar prominenza lil kwistjonijiet oħrajn marbutin mal-korruzzjoni li jidher li kienu aktar importanti mill-akkwist pubbliku.

Każijiet suspettati tal-korruzzjoni u l-kunflitt ta' interess fil-ġestjoni tal-fondi tal-UE, skont ir-regolamenti applikabbli tal-UE fis-seħħ, jistgħu jwasslu għall-interruzzjoni u/jew is-sospensjoni ta' pagamenti sakemm ikunu ttieħdu miżuri korrettivi xierqa mill-Istat Membru, inkluż it-tisħiħ tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll.

La l-analiżi ġenerali u lanqas l-analiżi speċifika għall-pajjiż ma jimmiraw li jistabbilixxu l-limiti universali f'dan il-qasam, iżda minflok għandhom ifittxu li jippreżentaw vulnerabbiltajiet u soluzzjonijiet korrispondenti (kemm fuq in-naħa tal-prevenzjoni kif ukoll fuq in-naħa tat-trażżin) li jkunu rnexxew jew ma rnexxewx fil-prattika.

### Sejbiet speċifiċi

### *L-oqsma ta' riskju u x-xejriet tal-korruzzjoni*

Meta jiġu kkunsidrati l-każijiet ipproċessati ta' korruzzjoni fl-akkwisti pubbliċi fi Stati Membri, il-problemi l-aktar frekwenti jikkonċernaw: it-tfassil ta' speċifikazzjoni magħmulin apposta favur ċerti offerenti, it-tqassim ta' offerti pubbliċi f'offerti iżgħar biex jiġu evitati proċeduri kompetittivi, kunflitti ta' interess li jaffettwaw l-istadji varji ta' proċeduri u li jikkonċernaw mhux biss uffiċjali ta' akkwist, iżda wkoll livell ogħla ta' awtoritajiet kontraenti, kriterji tal-għażla mhux proporzjonati u mhux ġustifikati, l-użu mhux ġustifikat ta' proċeduri ta' emerġenza, analiżi mhux adegwata ta' sitwazzjonijiet fejn il-prezzijiet offruti huma ferm baxxi, dipendenza eċċessiva fuq l-orħos prezz bħala l-kriterju l-aktar importanti għad-detriment ta' kriterji fir-rigward tal-kwalità ta' riżultati tanġibbli u l-kapaċità li tagħti riżultati

38 http://www.oecd.org/gov/ethics/oecdprinciplesforintegrityinpublicprocurement.htm.

tanġibbli, eċċezzjonijiet mhux ġustifikati mill-pubblikazzjoni ta' offerti. Minbarra l-proċedura ta’ akkwist pubbliku, verifiki f’ħafna każijiet identifikaw ir-riskji relatati mal-fażi ta' wara l-għoti, meta tanġenti jistgħu wkoll iseħħu, u pereżempju l-kwalità tar-riżultati tanġibbli hija intenzjonalment kompromessa. Xejriet oħrajn ta' wara l-għoti identifikati f'każijiet ta' korruzzjoni jinkludu: ġustifikazzjoni mhux suffiċjenti għal emendi għal kuntratti pubbliċi, emendar sussegwenti ta' kuntratti li jimmodifika t-termini ta' speċifikazzjoni u li jżid il-baġit.

Studju tal-2013 dwar l-identifikazzjoni u t-tnaqqis tal-korruzzjoni fl-akkwisti pubbliċi fl-UE[39] identifika erba’ tipi ewlenin ta' prattiki irregolari li jikkonċernaw 96 każ fejn l-allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni finali diġà ġew ikkonfermati permezz ta’ deċiżjonijiet tal-qorti, jew fejn hemm indikazzjonijiet qawwija ta’ prattiki ta’ korruzzjoni. Dawn il-prattiki jikkonċernaw: (1) Immanuvrar tal-offerti (fil-forma ta' trażżin tal-offerti, offerti komplementari, rotazzjoni tal-offerti u sotto-kuntrattar) fejn il-kuntratt hu "imwiegħed" lil kuntrattur wieħed jew mingħajr il-kunsens ta' uffiċjali pubbliċi; (2) flus illeċti, fejn l-uffiċjal pubbliku jitlob jew jaċċetta tixħim li se jkun ikkunsidrat fil-proċess tal-offerti, inklużi l-proċessi amministrattivi; (3) kunflitt ta’ interess (4) irregolaritajiet oħrajn inkluż immaniġġjar ħażin/nuqqas ta' għarfien meta uffiċjali pubbliċi ma jwettqux kontrolli xierqa jew ma jsegwux il-proċeduri meħtieġa u/jew jittolleraw jew jinjoraw immaniġġjar ħażin li jsir apposta u mhux bil-moħbi minn kuntratturi.

Filwaqt li l-użu ta’ proċeduri negozjati u ta' għotja diretta hu ġġustifikat f’ċerti ċirkostanzi, hemm każijiet fejn dan isir bl-għan li jkunu evitati obbligi ta' proċedura kompetittiva. F’xi Stati Membri, l-użu ta’ proċeduri mhux kompetittivi huwa konsiderevolment ogħla mill-medja tal-UE. L-użu mhux ġustifikat ta’ proċeduri negozjati iżid ukoll ir-riskju ta’ prattiki ta’ korruzzjoni. Bl-għan li jiġi indirizzat ir-riskju ta’ użu abbużiv ta’ proċeduri negozjati jew ta' għotja diretta, xi Stati Membri jipprevedu l-obbligu legali ta’ avviż *ex-ante* ta’ proċedura nnegozjata mingħajr il-pubblikazzjoni ta’ avviż għas-superviżjoni tal-akkwist pubbliku jew il-korpi ta’ reviżjoni.

Il-kostruzzjoni, l-enerġija, it-trasport, id-difiża u l-kura tas-saħħa jidhru li huma l-aktar vulnerabbli għall-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku.

F’bosta Stati Membri fejn hemm allegazzjonijiet ta’ finanzjament illegali ta’ partiti, kien hemm sitwazzjonijiet fejn dan il-finanzjament kien allegatament mogħti bi skambju għal deċiżjonijiet favorevoli fir-rigward tal-għoti ta’ kuntratti pubbliċi. F’xi każijiet oħra, l-allegazzjonijiet ikkonċernaw rabtiet wisq mill-qrib bejn in-negozji u l-politiċi f’livell ċentrali jew lokali li ħeġġew prattiki allegatament korrotti marbuta mal-għoti ta’ kuntratti pubbliċi.

***Riskji dwar l-akkwist pubbliku fil-livelli reġjonali u lokali***

L-akkwist pubbliku fil-livelli reġjonali u lokali jqajjem kwistjonijiet partikolari fejn l-awtoritajiet lokali għandhom setgħat ta' diskrezzjoni wiesgħa li ma jsirulhomx biżżejjed verifiki u bilanċi, perċentwali sinifikanti ta’ fondi pubbliċi huma allokati f’dan il-livell, u fl-istess ħin l-mekkaniżmi ta’ kontroll interni u esterni huma dgħajfa. F'pajjiżi ta’ konverġenza fejn parti sostanzjali ħafna tal-investiment pubbliku hija kofinanzjata mill-Fondi Strutturali, dawn ir-riskji jittaffew minħabba r-rekwiżiti ta’ ġestjoni u kontroll tal-fondi. Madankollu, l-implimentazzjoni effettiva tagħhom toħloq sfida reali. Fi ftit Stati Membri, mekkaniżmi ta’ kontroll żvelaw każijiet fejn uffiċjali użaw assi tal-gvern lokali biex jikkonkludu

39 "L-Identifikazzjoni u t-Tnaqqis tal-Korruzzjoni fl-Akkwist Pubbliku fl-UE — l-Iżvilupp ta’ metodoloġija biex tagħmel stima tal-ispejjeż diretti ta’ korruzzjoni u elementi oħra ta’ mekkaniżmu għall-evalwazzjoni tal-UE fil-qasam ta’ kontra l-korruzzjoni", it-30 ta’ Ġunju 2013, PriceWaterhouseCoopers u ECORYS.

transazzjonijiet ma' kumpaniji relatati magħhom. F'xi muniċipalitajiet u reġjuni, ġiet żviluppata konsolidazzjoni qawwija ta' netwerks ta' "klijenti" madwar gruppi żgħar ta' interess. Ħafna mill-każijiet kienu jirrigwardaw pagamenti jew allegazzjonijiet ta' finanzjament illegali ta' partiti, ġid illeċitu personali, devjazzjoni ta' fondi nazzjonali jew tal-UE, favoritiżmu u kunflitti ta' interess. Fi ftit Stati Membri, kien hemm każijiet fejn xi mexxejja tal-kriminalità organizzata fuq livell muniċipali stabbilixxew il-partiti politiċi tagħhom stess jew infiltraw kunsilli muniċipali biex jeżerċitaw influwenza fuq l-infurzar tal-liġi jew fuq il-ġudikatura, u biex jimmanuvraw offerti pubbliċi. Sabiex jiġi indirizzat dan ir-riskju, xi muniċipalitajiet implimentaw miżuri kontra l-korruzzjoni bħall-istabbiliment ta' sistemi għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju intern.

Kostruzzjoni marbuta ma' żvilupp urban, kif ukoll il-ġestjoni tal-iskart huma fost is-setturi li l-aktar għandhom tendenza li jkollhom korruzzjoni fil-livell lokali. Każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli li jinvolvu uffiċjali reġjonali u lokali f'xi Stati Membri żvelaw li xi drabi deċiżjonijiet dwar art ikklassifikata mill-ġdid[40] ittieħdu taħt pressjoni minn żviluppaturi lokali b'rabta ma' kuntratti ta' kostruzzjoni ta' proprjetà fil-futur.

F'xi Stati Membri amministrazzjonijiet lokali żviluppaw jew huma mitluba li jiżviluppaw l-integrità tagħhom stess jew pjanijiet ta' azzjoni għal kontra l-korruzzjoni. Waqt li wħud minnhom huma formalistiċi jew infurzati b'mod mhux ugwali, u l-impatt attwali huwa diffiċli biex jitkejjel, oħrajn kienu pijunieri tat-tfassil tal-mudelli li jaħdmu fil-prattika. F'xi Stati Membri, l-awtoritajiet kontraenti huma obbligati jiżviluppaw il-pjanijiet tagħhom stess tal-integrità u jivvalutaw ir-riskji ta' korruzzjoni.

Fi ftit każijiet, inizjattivi tas-soċjetà ċivili kellhom effett ta' benefiċċju fuq ir-responsabbiltà tal-amministrazzjonijiet lokali fir-rigward tat-trasparenza tal-infiq pubbliku.

<u>*Inizjattiva tal-Gvern Lokali Miftuħ — is-Slovakkja*</u>

*Fil-qafas ta' monitoraġġ estern tal-infiq pubbliku, l-inizjattiva tal-Gvern Lokali Miftuħ tas-Slovakkja tikklassifika 100 belt Slovakka skont sett ta' kriterji bbażati fuq trasparenza fl-akkwist pubbliku, l-aċċess għall-informazzjoni, id-disponibbiltà ta' dejta ta' interess pubbliku, il-parteċipazzjoni pubblika, l-etika professjonali u l-kunflitti ta' interessi. Il-proġett huwa mmexxi minn Transparency International. Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-kapitolu tal-pajjiż dwar is-Slovakkja.*

<u>*Linji gwida għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku fil-livell lokali — Il-Ġermanja*</u>

*Fuljett dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-Offerti Pubbliċi miftiehem mill-Assoċjazzjoni Ġermaniża tal-Bliet u l-Muniċipalitajiet b'mod konġunt mal-Assoċjazzjoni Federali tal-Kuntratturi tal-Bini ta' Daqs Żgħir u Medju jipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-miżuri preventivi kontra l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku fil-livell tal-bliet u l-muniċipalitajiet.*[41] *Dawn jinkludu: żieda fl-għarfien u kodiċijiet ta' kondotta; rotazzjoni ta' persunal; il-prinċipju tal-kontroll doppju; regolamenti ċari dwar l-isponsorizzar u l-projbizzjoni dwar l-aċċettazzjoni ta' rigali; l-istabbiliment ta' awtoritajiet ċentralizzati għall-offerti/l-għoti; deskrizzjoni*

40 Deċiżjonijiet li jbiddlu l-art ikklassifikata ta' proprjetà/art jew tal-viċinat. Kull klassifikazzjoni tinvolvi restrizzjonijiet u obbligi differenti.

41 Dan il-fuljett huwa speċjalment mfassal bħala linji gwida għal sejħiet għall-offerti pubbliċi f'waħda mill-oqsma l-iktar vulnerabbli għall-korruzzjoni, is-settur tal-kostruzzjoni, iżda fl-aħħar mill-aħħar hu validu għall-akkwisti pubbliċi kollha ta' muniċipalitajiet.

*preċiża tal-offerta u l-kontroll tal-estimi; l-organizzazzjoni tal-proċeduri tat-tfigħ ta' offerti, inkluż segretezza ta' offerti u l-prevenzjoni ta' manipulazzjoni tard ta' offerti; użu akbar tal-akkwist elettroniku; dokumentazzjoni ta' aġġudikazzjoni, u kontroll bir-reqqa mill-korpi regolatorji; l-esklużjoni ta' intrapriżi li nstabu ħatja ta' reati ta' korruzzjoni u l-istabbiliment ta' listi suwed/reġistri ta' korruzzjoni.*

***Kunflitti ta' interess u l-iżvelar tal-assi***

Kunflitti ta' interess fl-Istati Membri huma koperti b'leġiżlazzjoni ġenerali dwar il-prevenzjoni tal-korruzzjoni jew b'dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-akkwist pubbliku. L-effikaċja tal-prevenzjoni u l-iskoperta ta' kunflitti ta' interess fl-akkwist pubbliku tiddependi għalhekk fuq l-effikaċja ta' mekkaniżmi ta' kontroll globali f'dan il-qasam. Jistgħu jiġu nnutati vulnerabilitajiet partikolari rigward kunflitti ta' interess li jaffettwaw il-proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-livell lokali. Xi Stati Membri, permezz tal-aġenziji tagħhom kontra l-korruzzjoni jew tal-integrità, wettqu kontrolli ffukalizzati fuq kunflitti ta' interess f'ċerti oqsma kkunsidrati bħala partikolarment vulnerabbli. Dan wassal għal għadd akbar ta' każijiet skoperti li jinvolvu kunflitti ta' interess u identifikaw kuntratti pubbliċi konklużi għal gwadann privat għad-detriment tal-interess pubbliku.

Fejn ikun hemm regoli dwar l-iżvelar tal-assi applikabbli għal uffiċjali pubbliċi, huma kważi dejjem japplikaw għal uffiċjali tal-kisba pubblika wkoll.

*Għal aktar dettalji ara t-taqsima dwar "Is-Sejbiet Ewlenin", kif ukoll is-sotto-taqsimiet dwar il-kunflitti ta' interess u l-iżvelar tal-assi.*

***Politiki ta' ġestjoni tar-riskju tal-korruzzjoni***[42]

Bosta Stati Membri dan l-aħħar għaddew jew għaddejjin minn riformi tal-akkwist pubbliku li jimmiraw lejn żieda fit-trasparenza u iktar sostenn għal kompetizzjoni ġusta. F'xi Stati Membri strateġiji nazzjonali kontra l-korruzzjoni li jkopru l-prevenzjoni u t-trażżin tal-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku, huma fis-seħħ. Madankollu, bidliet leġiżlattivi frekwenti wasslu għal inċertezza legali u dgħufijiet f'xi Stati Membri fil-proċess ta' implimentazzjoni u l-mekkaniżmi ta' kontroll korrispondenti. Il-kumplessità tal-leġiżlazzjoni hija wkoll perċepita f'xi Stati Membri bħala ostakolu għal implimentazzjoni bla xkiel.

L-awtoritajiet kontraenti huma mitluba jadottaw il-pjanijiet ta' integrità u jivvalutaw ir-riskji ta' korruzzjoni biss fi ftit Stati Membri. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet dawn l-istimi tar-riskju jitwettqu bl-appoġġ jew tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jew tal-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni. Hemm xi ftit Stati Membri li ilhom jimplimentaw sistemi ta' allert ("red flagging")[43] għal xi żmien, b'żieda fl-għarfien kemm f'livell ċentrali kif ukoll f'dak lokali. Ftit Stati Membri żviluppaw ukoll għodod speċifiċi ta' mmaniġġjar ta' riskju magħmula apposta għal sfidi partikolari ffaċċjati fuq il-livelli nazzjonali jew reġjonali rispettivi tagħhom.

*Għodod tal-ġestjoni tar-riskju u l-pjattaformi ta' akkwist pubbliku fl-Italja*

42 Politiki ta' immaniġġjar ta' riskji jikkonċernaw l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-prijoritizzazzjoni ta' riskji segwiti minn azzjonijiet konkreti mmirati lejn il-mitigazzjoni u l-kontroll tal-impatt potenzjali ta' tali riskji.

43 Mekkaniżmi ta' allert "red flagging" immirati biex jgħinu l-awtoritajiet kontraenti jew il-korpi ċentrali tal-akkwist pubbliku biex jiskopru prattiki ta' korruzzjoni huma "sistemi ta' twissija" li jinvolvu l-identifikazzjoni u l-monitoraġġ ta' ċerti indikaturi li fl-okkorrenza tagħhom, jistgħu jwasslu għal suspett ta' mġiba korrotta (eż. l-akkumulazzjoni ta' ċertu numru ta' indikaturi tista' "tiskatta" twissija fis-sistema li tkun teħtieġ aktar verifikazzjoni bir-reqqa jew kontrolli).

*Bosta netwerks u assoċjazzjonijiet ta' amministrazzjonijiet reġjonali u lokali qed jimplimentaw b'mod attiv azzjonijiet għall-prevenzjoni ta' infiltrazzjoni tal-mafja fi strutturi pubbliċi u l-promozzjoni ta' trasparenza fl-akkwist pubbliku fil-livell reġjonali (eż. Avviso Pubblico, ITACA[44]). Ittieħdu bosta miżuri oħrajn fil-livell ta' awtoritajiet pubbliċi għall-prevenzjoni ta' infiltrazzjoni kriminali f'kuntratti pubbliċi (eż. CAPACI - il-Ħolqien ta' Proċeduri Awtomatizzati Kontra l-Infiltrazzjoni Kriminali f'kuntratti pubbliċi - proġett u linji gwida maħruġa mill-Kumitat għall-Koordinazzjoni ta' Sorveljanza Għolja ta' Xogħolijiet Pubbliċi Kbar għal kontrolli kontra l-Mafja fuq proġetti kbar ta' infrastruttura). Aktar dettalji jistgħu jinstabu fil-kapitolu tal-pajjiż dwar l-Italja.*

Dejta dwar każijiet ta' korruzzjoni jew ta' kunflitti ta' interesss skoperti fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku fuq livell nazzjonali u/jew livell reġjonali/lokali huma rarament ċentralizzati jew miżmuma f'reġistru nazzjonali. Ġbir ta' dejta ċentralizzata bħal din hija ġeneralment meqjusa mill-Istati Membri bħala piż amministrattiv bla bżonn. Madankollu, din id-dejta tista' tintuża fl-iżvilupp ta' valutazzjonijiet sodi tar-riskji u tista' wkoll tikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-implimentazzjoni uniformi tal-politiki kontra l-korruzzjoni fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali.

Studji tas-suq regolari u strutturati mhumiex prattika komuni qabel l-akkwist pubbliku, bl-eċċezzjoni ta' akkwisti kumplessi u ta' valur għoli. Bazijiet ta' dejta għal spejjeż għal kull unità qed jiġu żviluppati fi ftit Stati Membri biss, f'livell ċentrali jew lokali jew huma speċifiċi għas-settur. Dawn il-bażijiet ta' dejta jistgħu jgħinu fit-twettiq ta' analiżi komparattiva bejn tipi simili ta' proġetti (eż. provvisti jew xogħlijiet) u r-riżultati tagħhom. Dawn jistgħu jgħinu jidentifikaw ir-riskji jew is-suspetti ta' imġiba korrotta jekk jiġi identifikat qbil serju, minkejja l-limitazzjonijiet ta' approċċ bħal dan minħabba l-kumplessità tal-prodotti u l-varjetà ta' inputs li jwasslu għal riżultat finali.[45]

### *Trasparenza*

Parzjalment bħala riżultat tal-proċess tat-traspożizzjoni u tal-implimentazzjoni tad-Direttivi dwar l-Akkwist Pubbliku, sar titjib notevoli fil-livell ta' trasparenza tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Xi wħud ħadu miżuri estensivi biex jiżguraw pubblikazzjoni fħin reali ta' kontijiet annwali u l-karti tal-bilanċ ta' awtoritajiet pubbliċi f'formati faċli għall-utent, inklużi dettalji dwar l-ispejjeż ta' xogħlijiet u servizzi pubbliċi.

*Traċċar ta' fondi pubbliċi — l-applikazzjoni onlajn tal-Kummissjoni Slovena għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni*

*L-applikazzjoni onlajn "Supervizor" tipprovdi informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' negozju tal-fergħa leġiżlattiva, ġudizzjarja u eżekuttiva, korpi awtonomi tal-Istat, komunitajiet lokali u l-fergħat tagħhom b'personalità legali, eċċ. L-applikazzjoni tindika l-partijiet kontraenti, l-akbar riċevituri, entitajiet legali relatati, dati, ammonti u l-għanijiet tat-tranżazzjonijiet. Toffri ħarsa ġenerali lejn il-medja ta' EUR 4,7 biljun li ta' kull sena jintefqu mis-settur pubbliku fuq oġġetti u servizzi. Tipprovdi wkoll dettalji dwar il-ġestjoni u l-bordijiet superviżorji f'kumpaniji kkontrollati mill-Istat u li huma proprjetà tal-Istat u dwar ir-rapporti annwali kollha tagħhom. Din is-sistema ta' trasparenza tiffaċilita l-iskoperta ta' irregolaritajiet f'kuntratti pubbliċi u fin-nefqa.*

44 Istituto per l'innovazione e trasparenza degli appalti e la compatibilità ambientale.

45 Pereżempju għall-bini ta' awtostrada l-materjal jista' jvarja ħafna minn post għal ieħor skont il-klima, il-karatteristiċi ġeografiċi tal-post fejn tkun qed tiġi mibnija, eċċ.

*<u>Il-portal web nazzjonali għaċ-ċentralizzazzjoni tal-informazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi — BASE — il-Portugall</u>*

*Mill-2008, wara d-dħul fis-seħħ tal-Kodiċi tal-Kuntratti Pubbliċi, il-Portugall stabbilixxa portal tal-internet nazzjonali, BASE (www.base.gov.pt) li jiċċentralizza l-informazzjoni dwar il-kuntratti pubbliċi. L-Istitut ta' Kostruzzjoni u Proprjetà Immobbli (InCI) hu responsabbli għall-ġestjoni ta' dan il-portal. Jirċievi dejta mill-edizzjoni elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali Portugiż u mill-pjattaformi elettroniċi ċertifikati li tikkonċerna l-proċeduri ristretti ta' qabel l-għoti. L-awtoritajiet kontraenti pubbliċi kollha jużaw iż-żona riżervata tal-portal biex jirreġistraw dejta kuntrattwali, ittellgħu l-kuntratti u jirreġistraw informazzjoni dwar il-prestazzjoni tagħhom. Mill-2008 sal-2011, il-BASE ppubblika biss kuntratti relatati ma' għotjiet diretti. Minn Jannar 2012, il-BASE jrid jippubblika l-kuntratti kollha li jirriżultaw mit-tipi kollha ta' proċeduri soġġetti għall-Kodiċi ta' Kuntratti Pubbliċi. Jippubblika wkoll informazzjoni dwar it-twettiq tal-kuntratt. Il-pubblikazzjoni tal-kuntratti kemm fil-BASE kif ukoll fil-Gazzetta Uffiċjali issa hija obbligatorja għal għotjiet diretti, b'żidiet ta' 15 % fil-prezz ta' kuntratti diġà konklużi u penali potenzjali.*

*<u>Il-bażi tad-dejta elettronika għall-akkwist pubbliku — Il-Kroazja</u>*

*F'Marzu 2013, tnedew portal tal-internet u bażi tad-dejta elettronika tal-akkwist pubbliku permezz ta' NGOs lokali bħala riżultat ta' proġett iffinanzjat mill-UE. Il-bażi tad-dejta tikkonsolida informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku u kumpaniji involuti fi proċeduri tal-akkwist pubbliku, u hi disponibbli bla ħlas għall-pubbliku. Il-bażi tad-dejta elettronika fiha wkoll informazzjoni dwar l-assi u l-interessi ta' uffiċjali pubbliċi, skont ir-regoli ta' żvelar tal-assi. Tali dejta aggregata tippermetti li jsiru kontro-verifiki (cross-checks).*

Fi ftit Stati Membri aċċess għal dokumenti u informazzjoni rigward l-akkwist pubbliku huwa limitat b'eċċezzjonijiet wiesgħa ż-żejjed u definizzjoni wiesgħa ta' kunfidenzjalità rigward id-dokumentazzjoni tal-akkwist pubbliku.

F'xi Stati Membri oħra, l-akkwist organizzat mill-intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat ma jsegwix l-istess standards ta' trasparenza, ta' kompetizzjoni jew ta' superviżjoni bħall-proċeduri regolari ta' akkwist pubbliku. Kien hemm każijiet f'xi Stati Membri fejn impriżi tal-Istat ikkonkludew kuntratti ta' xiri mhux kompetittiv bi prezzijiet ogħla minn tas-suq mal-imsieħba preferuti.

Il-pubblikazzjoni ta' kuntratti konklużi għadha mhux mifruxa sew madwar l-UE. Hemm xi Stati Membri fejn il-kuntratti huma ppubblikati fl-intier tagħhom u fi Stat Membru wieħed il-pubblikazzjoni hija anki prerekwiżit għall-validazzjoni tal-kuntratt (jiġifieri l-kuntratt għandu jkun ippubblikat fi żmien tliet xhur minn meta jiġi ffirmat; jew inkella huwa null u bla effett).

***Patti tal-integrità u r-rwol tas-soċjetà ċivili***

Patti tal-integrità huma ftehimiet bejn l-awtorità kontraenti għal proġett partikolari u l-offerenti, li kollha jimpenjaw irwieħhom li jastjenu minn kwalunkwe prattika ta' korruzzjoni. Ċerta sorveljanza, trasparenza u dispożizzjonijiet tas-sanzjonar huma wkoll inklużi f'dawn il-ftehimiet. Bl-għan li jiġi żgurat li jkunu implimentati b'mod effettiv, patti tal-integrità ta' spiss huma mmonitorjati permezz ta' gruppi tas-soċjetà ċivili. F'xi Stati Membri li japplikaw programm ambizzjuż ta' politika ta' trasparenza, is-soċjetà ċivili saret attiva ħafna f'monitoraġġ kumpless tal-proċessi ta' akkwist u ta' kuntratti pubbliċi. F'xi Stati Membri, ta' spiss fuq l-inizjattiva ta' NGOs, patti tal-integrità jiġu implimentati fir-rigward ta' ċerti

akkwisti pubbliċi, b'mod partikolari fejn huma kkonċernati kuntratti pubbliċi kbar (eż. proġetti ta' infrastruttura fuq skala kbira).

***L-użu tal-akkwist elettroniku***

L-akkwist elettroniku, apparti milli jtejjeb l-effiċjenza tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku, joffri salvagwardji addizzjonali f'termini tal-prevenzjoni u l-iskoperta ta' prattiki korrotti minħabba li jgħin biex tiżdied it-trasparenza u jippermetti l-implimentazzjoni aħjar ta' proċeduri standardizzati, kif ukoll jiffaċilita l-mekkaniżmi tal-kontroll. Id-Direttivi attwali dwar l-Akkwist Pubbliku għandhom dispożizzjonijiet li jeħtieġu lill-Istati Membri kollha jintroduċu l-akkwist elettroniku, inkluż permezz ta' pubblikazzjoni elettronika ta' avviżi ta' akkwisti, tal-komunikazzjoni elettronika (inkluż is-sottomissjoni ta' offerti), u akkwisti ġodda kollha kemm huma elettroniċi, bħal sistemi dinamiċi ta' xiri u irkanti elettroniċi. Fi żmien l-adozzjoni, fl-2004, id-Direttivi kienu akkumpanjati minn Pjan ta' Azzjoni.[46]

Kif muri mir-Rieżami tal-Implimentazzjoni tal-Akkwist Pubbliku tal-2012, kien hemm xi progress fl-użu tal-akkwist elettroniku, iżda b'mod ġenerali dan għadu jintuża biss f'5 % għal 10 % tal-proċeduri ta' akkwist imwettqa madwar l-UE. Madanakollu, ftit Stati Membri għamlu progress sinifikanti lejn l-implimentazzjoni sħiħa tal-akkwist elettroniku fil-fażijiet ta' qabel l-għoti. Dan huwa partikolarment il-każ fi Stati Membri li fihom l-akkwist elettroniku sar obbligatorju mil-liġi nazzjonali u hu mistenni li jiġi implimentat b'mod gradwali.

Il-pakkett leġiżlattiv tal-akkwist pubbliku tal-Kummissjoni jipprovdi għal tranżizzjoni gradwali lejn komunikazzjoni elettronika sħiħa.

<u>*Prattiki tajba fl-implimentazzjoni tal-akkwist-elettroniku*</u>

*Il-Litwanja għamlet progress sinifikanti f'li tipprovdi aċċess onlajn ma' dejta mqabbla dwar l-akkwist pubbliku. Il-firxa ta' informazzjoni ppubblikata taqbeż ir-rekwiżiti tal-liġi tal-UE, inklużi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi abbozzati, kuntratti pubbliċi konklużi u mwettqa. Ukoll, il-fornituri huma mitluba li jindikaw is-sottokuntratturi fl-offerti tagħhom. Mill-2009, mill-inqas 50 % tal-valur totali tal-offerti pubbliċi tagħhom jridu jsiru elettronikament. Bħala riżultat, is-sehem tal-akkwist elettroniku żdied minn 7,7 % għal 63 % fl-2010, qrib il-mira ta' 70 % sal-2013.*

*L-Estonja stabbilixxiet portal tal-akkwist elettroniku u servizzi elettroniċi relatati (eż. portal għar-reġistrazzjoni tal-kumpaniji u ġestjoni u ċentralizzazzjoni ta' żamma tal-kotba tas-settur pubbliku). Ir-Reġistru tal-Istat tal-Kuntratti Pubbliċi huwa portal tal-offerti elettroniku fejn kull avviż ta' akkwist pubbliku ilu jiġi ppubblikat elettronikament mill-2003. L-Att dwar l-Akkwisti Pubbliċi jipprovdi għal aktar żviluppi bħal irkanti elettroniċi, sistema għax-xiri elettroniku, u katalgu elettroniku u jeħtieġ offerti elettroniċi għal 50 % tal-akkwisti pubbliċi ġenerali mill-2013. Fl-2012, madwar 15 % tal-offerti pubbliċi saru permezz tal-akkwist elettroniku, tliet darbiet aktar mill-2011.*

*Il-Programm Portugiż ta' Akkwist Elettroniku tnieda f'Ġunju 2003 bħala pjattaforma ċentralizzata u ta' kwalità għolja li jippromwovi l-effiċjenza u l-kompetizzjoni permezz ta' trasparenza akbar u ffrankar fil-proċess tal-akkwist pubbliku. Il-portal — http://www.ancp.gov.pt/EN/Pages/Home.aspx — joffri l-possibbiltà li titniżżel id-dokumentazzjoni kollha tal-offerta u l-ispeċifikazzjonijiet mingħajr ħlas. Ixerred ukoll sejħiet għall-offerti, jirċievi mistoqsijiet ta' fornituri u jamministra l-aspetti kollha ta' skambju ta'*

46 http://ec.europa.eu/internal_market/publicprocurement/docs/eprocurement/actionplan/actionplan_mt.pdf.

*informazzjoni onlajn. Għodda tal-Ġestjoni tal-Kuntratt jiżgura d-dħul ta' kuntratti pubbliċi, jippermetti l-monitoraġġ ta' kuntratti konklużi u jippermetti l-fatturazzjoni elettronika. Is-Sistema ta' Ġestjoni tal-Informazzjoni tgħin ukoll il-ġbir, il-ħażna u s-sistematizzazzjoni ta' statistika dwar il-proċess tal-akkwist.*

*Aktar dettalji dwar dawn il-prattiki jistgħu jinstabu fil-kapitoli tal-pajjiż rispettivi.*

***Mekkaniżmi ta' kontroll***

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ, l-istabbiliment ta' **korp ċentrali ta' akkwist** hu fakultattiv. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom madankollu jimplimentaw din l-għażla fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Kif ġie nnotat fir-Rieżami Annwali tal-Implimentazzjoni tal-Akkwisti Pubbliċi tal-2012, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jaħtru awtoritajiet speċifiċi li jittrattaw il-biċċa l-kbira jew il-kompiti kollha marbuta ma' akkwist, b'xi eċċezzjonijiet meta l-istituzzjonijiet inkarigati mhumiex intiżi speċifikament biex jittrattaw l-akkwist iżda huwa biss wieħed mill-kompiti tagħhom (eż. l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni). Madankollu, f'xi Stati Membri fejn jeżisti korp ċentrali, il-kapaċità tiegħu huwa limitat minn persunal u taħriġ insuffiċjenti biex jittrattaw ma' numru dejjem ikbar ta' kompiti.

Id-Direttivi tar-Rimedji jħallu f'idejn l-Istati Membri biex jiddeċiedu jekk ir-**rieżamijiet** humiex immaniġġjati minn entitajiet amministrattivi jew ġudizzjarji. L-għażla bejn iż-żewġ possibilitajiet hija maqsuma nofs u nofs fost l-Istati Membri. Fi ftit Stati Membri, m'hemmx biżżejjed garanziji għall-indipendenza ta' dawn il-korpi ta' rieżami minn indħil politiku, inkluż fir-rigward tal-ħatra ta' tmexxija tagħhom u fir-rigward tal-persunal.

Fl-aħħar snin, ġiet innotata tendenza lejn **professjonalizzazzjoni tal-akkwist pubbliku**, fil-forma ta' ġbir ta' domanda u ċentralizzazzjoni permezz ta' kuntratti oqfsa (responsabbli għal 17 % tal-valur totali tal-limiti ta' hawn fuq ta' kuntratti mogħtija fil-perjodu 2006-2010[47]) u xiri konġunt (12 % tal-valur totali rispettivament). Amministrazzjonijiet tal-gvern, fil-livelli kemm ċentrali kif ukoll lokali, qegħdin dejjem aktar jużaw korpi speċjalizzati, bħal korpi ta' akkwist ċentralizzati, filwaqt li iktar użu ta' kuntratti oqfsa qed ibiddel in-natura tal-akkwisti. Attwalment, il-prattika tvarja ħafna madwar l-Istati Membri.

B'rabta mal-**għarfien u t-taħriġ fuq politiki ta' kontra l-korruzzjoni**, filwaqt li dan tjieb fl-aħħar snin fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, uffiċjali ta' akkwist pubbliku jaraw irwol pjuttost limitat għalihom infushom fl-iskoperta ta' prattiki korrotti. Barra minn hekk, l-effikaċja tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-akkwist pubbliku, tal-infurzar tal-liġi u tal-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni tvarja ħafna fost l-Istati Membri. F'ħafna każijiet, il-kooperazzjoni hija formalistika u l-istatistika turi numru baxx ta' avviżi dwar suspetti ta' korruzzjoni jew kunflitti ta' interessi mressqa mill-awtoritajiet tal-akkwist pubbliku għall-infurzar tal-liġi jew tal-aġenziji ta' integrità.

F'xi Stati Membri, fejn mekkaniżmi ta' kontroll, b'mod partikolari fil-**livell lokali**, huma pjuttost dgħajfa jew frammentati, każijiet ta' favoritiżmu fl-allokazzjoni ta' fondi pubbliċi fl-awtoritajiet nazzjonali, lokali u reġjonali involuti fl-akkwist pubbliku jidhru mifruxin sew.

Filwaqt li l-**effiċjenza ta' mekkaniżmi tal-kontroll** dwar it-tfigħ tal-offerti minn qabel u l-fażijiet tal-għoti tjiebet fl-Istati Membri, il-fażi tal-implimentazzjoni (ta' wara l-għoti) hija inqas sorveljata mill-qrib. Xi Qrati nazzjonali ta' Verifika jew uffiċċji nazzjonali tal-verifika

47 "L-akkwist pubbliku fl-Ewropa — l-ispiża u l-effikaċja", PwC Ecorys London Economics, Marzu 2011.

ta' spiss jiġbdu l-attenzjoni li qed isiru xi rregolaritajiet fil-fażi ta' twettiq. F'ħafna Stati Membri l-qrati ta' verifika saru atturi ewlenin sabiex jidentifikaw lakuni u nuqqasijiet relatati mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom f'dan il-qasam ta' spiss ma jiġux segwiti biżżejjed.

Is-sjieda ta' offerenti u sottokuntratturi huwa rari ħafna li jiġi ċċekkjat f'proċeduri ta' akkwist pubbliku. Mill-inqas leġiżlazzjoni waħda ta' Stat Membru tippermetti li kuntratti pubbliċi jiġu konklużi ma' kumpaniji li għandhom azzjonisti anonimi, filwaqt li fl-istess ħin ma jiġux offruti salvagwardji b'saħħithom biżżejjed kontra kunflitt ta' interessi.

Koordinazzjoni ta' sorveljanza, sovrapożizzjoni parzjali, id-diviżjoni tal-kompiti jew mekkaniżmi ta' kontroll frammentat fil-livelli ċentrali u lokali, inkluż fil-fażi tal-implimentazzjoni, għadhom joħolqu problemi f'għadd ta' Stati Membri.

Il-mekkaniżmi ta' kontroll għal akkwist pubbliku taħt il-limiti tal-leġiżlazzjoni tal-UE huma partikolarment dgħajfa fil-maġġoranza tal-Istati Membri. Dan iqajjem tħassib b'mod partikolari fir-rigward tal-prattiki rrapportati, fejn il-kuntratti huma maqsuma f'kuntratti iżgħar biex jiġu evitati r-rekwiżiti u l-kontrolli tal-akkwist tal-UE.

### *Esklużjoni*

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, hemm esklużjoni obbligatorja/regoli ta' esklużjoni stabbiliti fl-Istati Membri kollha li skonthom l-offerenti li jingħataw kundanni finali tal-qorti minħabba korruzzjoni huma esklużi mill-offerta. Ħafna liġijiet nazzjonali għandhom dispożizzjonijiet ta' awtoregolazzjoni.[48] L-Istati Membri mhumiex meħtieġa li jippubblikaw listi ta' esklużjoni,[49] u ġeneralment ma jippubblikawx tali listi. F'ħafna Stati Membri l-awtoritajiet kontraenti għandhom kontro-aċċess għall-bażijiet ta' dejta ta' esklużjoni interna tagħhom. Il-listi ta' esklużjoni internazzjonali, bħala regola, ma jitqisux bħala bażi għall-esklużjoni fl-Istati Membri tal-UE.

### *Sanzjonijiet*

Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku hi koperta minn reati kriminali bħal tixħim u influwenza fl-innegozjar. Hemm Stati Membri fejn reati speċifiċi relatati mal-korruzzjoni li jaffettwaw il-proċess tal-akkwist pubbliku huma inkriminati b'mod distintiv. Bħala regola, proċeduri ta' akkwisti huma sospiżi, interrotti jew ikkanċellati meta tiġi skoperta mġiba korrotta jew kunflitt ta' interess. Madankollu, is-sitwazzjoni hija differenti fil-każ ta' kuntratti konklużi li fir-rigward tagħhom imġiba korrotta jew kunflitt ta' interess huma skoperti jew iseħħu wara l-għoti tal-kuntratt. F'ħafna każijiet, minbarra l-approvazzjoni ta' imġiba korrotta jew kunflitti ta' interess bħala tali, hija meħtieġa azzjoni ċivili separata għall-annullament tal-kuntratt pubbliku. Din spiss tinvolvi proċeduri twal u hemm ir-riskju li tipproduċi effetti fuq stadju tard wisq meta huwa diffiċli jew saħansitra impossibbli li tirkupra b'mod sħiħ mit-telf. F'xi Stati Membri oħra, kuntratti pubbliċi jinkludu klawżola kontra l-korruzzjoni li tiggarantixxi segwitu aktar effettiv f'każ li prattiki korrotti jkunu ppruvati fi żmien tal-kuntratt (eż. proċeduri ċari għad-dikjarazzjoni ta' kuntratt nulli u bla effett jew għall-applikazzjoni ta' penali kuntrattwali oħra).

---

48 L-awtoregolazzjoni tippermetti lill-kumpaniji biex jieħdu miżuri biex jirranġaw sitwazzjonijiet li wasslu għall-inklużjoni tagħhom f'listi ta' esklużjoni u għaldaqstant għat-tneħħija ta' esklużjoni bħal din għal offerti pubbliċi.

49 Listi tal-kumpaniji esklużi minn sejħiet għall-offerti pubbliċi minħabba, fost oħrajn, deċiżjonijiet ta' kundanna finali għal korruzzjoni jew reati serji oħra.

F'xi Stati Membri fejn il-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku tqajjem tħassib partikolari, ir-rekord tal-proċessi ta' prosekuzzjonijiet u deċiżjonijiet finali mill-qorti hija dgħajfa, u ftit każijiet ta' korruzzjoni tal-akkwist pubbliku jiġu ffinalizzati b'sanzjonijiet dissważivi. Dawn il-każijiet ħafna drabi jieħdu żmien twil u, ta' spiss, kuntratti jew proġetti ikunu diġà twettqu fiż-żmien meta jiġu skoperti prattiki korrotti. Każijiet ta' korruzzjoni fl-akkwist pubbliku ta' spiss huma kumplessi u xi drabi dawn jistgħu jinvolvu uffiċjali għolja. Għarfien tekniku speċifiku hu għalhekk meħtieġ sabiex jiġu żgurati proċeduri ġudizzjarji effettivi u ġusti. F'xi Stati Membri, għad hemm nuqqasijiet rigward it-taħriġ tal-prosekuturi u/jew l-imħallfin fuq kwistjonijiet ta' akkwisti pubbliċi.

## C. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku

Is-sejbiet imsemmija hawn fuq juru progress dwar l-implimentazzjoni tal-politiki kontra l-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku fl-Istati Membri, iżda din tibqa' qasam ta' riskju. Huma meħtieġa aktar sforzi mmirati lejn it-tisħiħ tal-istandards ta' integrità. Ir-riforma tal-Akkwist Pubbliku u tad-Direttivi ta' Utilità, kif ukoll id-Direttiva proposta dwar l-għoti ta' konċessjonijiet, jinkludu standards ta' governanza tajba bħala parti importanti kontra l-korruzzjoni ta' modernizzazzjoni b'mod ġenerali. L-istandards minimi dwar il-kunflitti ta' interessi proposti f'dawn id-Direttivi, il-konsultazzjonijiet preliminari tas-suq, il-kriterji obbligatorji u volontarji ta' esklużjoni, ir-regoli ta' awtoregolazzjoni, dispożizzjonijiet aktar stretti dwar il-modifika u t-tmiem ta' kuntratti, iċ-ċentralizzazzjoni tad-dejta dwar il-korruzzjoni u l-każijiet ta' kunflitt ta' interess, kif ukoll l-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rrappurtar, jirrispondu f'miżura kbira għat-tħassib li fadal u li huwa espress hawn fuq.

Rigward il-possibbiltà ta' azzjoni ulterjuri li għandha tittieħed mill-Istati Membri, is-17-il kapitolu dwar il-pajjiżi fejn il-kwistjonijiet ta' akkwisti pubbliċi huma enfasizzati, kif ukoll l-analiżi f'din it-taqsima, jiġbdu l-attenzjoni lejn ir-rakkomandazzjonijiet ġenerali li ġejjin:

### 1. *Il-ħtieġa għal użu sistematiku ta' valutazzjonijiet ta' riskju ta' korruzzjoni fl-akkwist pubbliku*

- Il-valutazzjonijiet ta' riskju għandhom ikunu żviluppati fil-livell ta' sorveljanza ta' akkwist pubbliku, irrispettivament mill-isfond istituzzjonali tagħhom, bl-appoġġ ta' infurzar tal-liġi jew permezz ta' aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni/jew tal-integrità.

- Tiġi żgurata ċ-ċentralizzazzjoni tad-dejta dwar l-iskoperta ta' prattiki korrotti u mudelli, inklużi kunflitti ta' interessi u prattiki dejjem jinbidlu (revolving door). Evalwazzjonijiet tar-riskji tal-bażi ta' din id-dejta ċentralizzata.

- Jiġu żviluppati, imsejsa fuq evalwazzjonijiet tar-riskju, miżuri mfassla apposta għal setturi partikolarment vulnerabbli u għat-tipi l-aktar frekwenti ta' irregolaritajiet misjuba matul jew wara ċ-ċiklu tal-akkwist.

- L-implimentazzjoni ta' politiki mmirati kontra l-korruzzjoni għal amministrazzjonijiet reġjonali u lokali. Il-valutazzjonijiet ta' riskju jistgħu wkoll ifittxu għal vulnerabbiltajiet f'dan il-livell ta' amministrazzjoni.

- L-iżvilupp u t-tixrid ta' linji gwida komuni għall-użu ta' sistemi ta' indikaturi ta' allert (red-flagging indicator systems). Għajnuna lill-awtoritajiet kontraenti u għall-korpi ta' sorveljanza biex jiskopru mġiba korrotta, favoritiżmu u kunflitti ta' interess.

2. ***L-implimentazzjoni ta' standards għoljin ta' trasparenza fiċ-ċiklu tal-akkwist kollu kif ukoll matul l-implimentazzjoni tal-kuntratti***

- Jiġu żgurati standards minimi komuni ta' trasparenza fil-livell tal-amministrazzjonijiet reġjonali u lokali b'rabta mal-proċeduri ta' akkwist pubbliku u l-fażi tal-implimentazzjoni ta' kuntratti pubbliċi.

- Tiġi żgurata xi forma ta' pubblikazzjoni jew li tiżgura aċċess għal konklużi kuntratti pubbliċi, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet, l-obbligi u klawżoli ta' penali, bl-eċċezzjoni ta' eċċezzjonijiet definiti sew, limitati u ġustifikati ta' kunfidenzjalità għal ċerti klawżoli kuntrattwali.

- Titjib fit-trasparenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku, ta' qabel u ta' wara l-għoti permezz tal-pubblikazzjoni onlajn mill-istrutturi amministrattivi kollha (il-livell ċentrali, reġjonali u lokali) tal-kontijiet annwali u l-karti tal-bilanċ u l-ispejjeż pubbliċi maqsumin ta' xogħlijiet, provvisti u servizzi. Tiġi żgurata aktar trasparenza ta' akkwist imwettqa minn intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat, kif ukoll fil-kuntest ta' sħubijiet pubbliċi-privati.

3. ***It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern u estern fiċ-ċiklu tal-akkwist kollu kif ukoll matul l-implimentazzjoni tal-kuntratt***

- Tiġi żgurata biżżejjed kapaċità tal-korpi ta' rieżami tal-akkwist pubbliku, tal-organi konsultattivi u tal-korpi ta' sorveljanza, kif ukoll bħala qrati ta' verifika, skont il-każ, biex iwettqu l-kompiti ta' verifika tagħhom.

- It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern għal skopijiet ta' prevenzjoni u l-iskoperta ta' prattiki ta' korruzzjoni u kunflitti ta' interessi. Jiġu żgurati metodoloġiji sodi u uniformi ta' kontra l-korruzzjoni u kontrolli ta' kunflitt ta' interess matul iċ-ċiklu ta' akkwist pubbliku. Dawn il-metodoloġiji għandhom jikkunsidraw il-prijoritizzazzjoni tal-proċessi ta' akkwist l-aktar vulnerabbli jew il-livelli ta' amministrazzjoni u l-kontrolli mhux imħabbra ad-hoc minn korpi ta' sorveljanza indipendenti.

- It-titjib tal-mekkaniżmi u l-għodod ta' kontroll għall-fażi ta' implimentazzjoni ta' wara l-għoti ta' kuntratti pubbliċi.

- Jiġi żgurat segwitu adegwat tar-rakkomandazzjonijiet tal-qrati ta' verifika li jidentifikaw irregolaritajiet fl-akkwist pubbliku.

- It-twettiq ta' kontrolli fuq is-sjieda ta' offerenti u s-sottokuntratturi.

- Jiġu żgurati mekkaniżmi ta' kontroll adegwati ta' akkwist imwettqa minn intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat, kif ukoll fil-kuntest ta' sħubijiet pubbliċi-privati.

4. ***Tiġi żgurata ħarsa ġenerali koerenti u l-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa u l-għarfien għall-prevenzjoni u l-iskoperta ta' prattiki ta' korruzzjoni fil-livelli kollha tal-akkwist pubbliku***

- Tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva bejn l-awtoritajiet inkarigati mis-sorveljanza tal-akkwist pubbliku.

- L-iżvilupp u s-sensibilizzazzjoni rigward linji gwida dettaljati dwar il-prevenzjoni u l-iskoperta ta' prattiki korrotti u ta' kunflitti ta' interess fl-akkwist pubbliku, b'mod partikolari fil-livell reġjonali u lokali.

- Il-provvista ta' taħriġ imfassal apposta għall-prosekuturi u l-ġudikatura dwar aspetti tekniċi u legali tal-proċess tal-akkwist pubbliku.

5. ***It-tisħiħ tas-sistemi tas-sanzjonijiet***

- Tiġi żgurata l-applikazzjoni ta' sanzjonijiet dissważivi f'rabta ma' prattiki ta' korruzzjoni, favoritiżmu jew kunflitti ta' interess fl-akkwist pubbliku.

- Jiġu żgurati mekkaniżmi effettivi ta' segwitu għar-revoka ta' deċiżjonijiet u/jew l-annullament ta' kuntratti pubbliċi fil-ħin meta prattiki korrotti jkunu ġew affettwati fil-proċess.

# ANNESS

## Metodoloġija

### *L-Ambitu tar-Rapport*

Kif imsemmi fl-introduzzjoni dan ir-rapport jiddefinixxi l-korruzzjoni, skont strumenti legali internazzjonali bħala kwalunkwe "abbuż ta' poter għal profitt privat". Għalkemm it-tifsira eżatta u l-ambitu tal-kunċett huma s-suġġett ta' dibattitu akkademika, dan jimplika li r-Rapport ikopri żewġ aspetti. L-ewwel nett, dan tkopri atti speċifiċi ta' korruzzjoni u dawk il-miżuri li l-Istati Membri jieħdu speċifikament biex jipprevjenu jew jikkastigaw atti korrotti kif definiti mil-liġi. It-tieni nett, huwa jkopri ċerti tipi ta' kondotta u miżuri li jkollhom impatt fuq ir-riskju ta' korruzzjoni li jseħħu u fuq il-kapaċità ta' Stat li jikkontrollawhom. Konsegwentement, ir-Rapport jittratta dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet assoċjati mal-korruzzjoni, inklużi, minbarra it-tixħim, l-eżerċitar tal-influwenza, l-abbuż mill-kariga, aspetti relatati ma' nepotiżmu, favoritiżmu, lobbying illegali u kunflitt ta' interessi. L-għan ta' dan l-ewwel rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni huwa li jinżamm il-punt fokali fuq għadd limitat ta' kwistjonijiet ewlenin marbuta mal-korruzzjoni. Aspetti usa' kuntestwali huma msemmija għall-koerenza.

L-arranġamenti kostituzzjonali (il-grad ta' devoluzzjoni tal-poter, il-pożizzjoni tal-ġudikatura, il-prosekuturi vs il-fergħa eżekuttiva), l-organizzazzjoni u l-kwalità tas-servizz ċivili, ir-rwol attiv tal-Istat fl-ekonomija, il-privatizzazzjoni huma rilevanti mil-lat ta' korruzzjoni. Ir-rapport ma jagħmel ebda ġudizzju ta' valur ġenerali fuq l-arranġamenti kostituzzjonali, jew fuq kif qed jinġibdu l-konfini bejn sjieda tal-Istat u privati. Għalhekk, dan hu newtrali rigward id-deċentralizzazzjoni, iżda ma jeżaminax jekk mekkaniżmi adegwati ta' kontroll għall-immaniġġjar tar-riskji ta' korruzzjoni humiex fis-seħħ. L-istess japplika għall-privatizzazzjoni: it-trasferiment ta' assi tal-Istat f'idejn is-settur privat jimplika ċerti riskji ta' korruzzjoni, imma jista' jnaqqas ir-riskji fuq żmien twil relatati mal-korruzzjoni, in-nepotiżmu u l-klijenteliżmu. Ir-rapport iħares biss lejn jekk proċeduri trasparenti u kompetittivi humiex fis-seħħ biex jitnaqqas ir-riskju ta' korruzzjoni. Fl-aħħar nett, hemm diversi arranġamenti legali u kostituzzjonali li jikkonċernaw ir-relazzjoni bejn is-servizzi tal-prosekuzzjoni u s-setgħa eżekuttiva. Ir-rapport huwa newtrali rigward il-mudelli differenti, peress li jeżamina biss jekk il-prosekuturi jkunux kapaċi jsegwu każijiet ta' korruzzjoni b'mod effettiv.

### *Sorsi ta' informazzjoni*

Il-Kummissjoni kienet determinata tevita duplikazzjoni ta' mekkaniżmi eżistenti ta' rappurtar u iżjed piż amministrattiv fuq l-Istati Membri li huma soġġetti għal evalwazzjonijiet varji bejn il-pari intensivi fuq ir-riżorsi varji (GRECO, OECD, l-UNCAC, FATF, Moneyval). Ir-rapport għalhekk mhuwiex ibbażat fuq kwestjonarji dettaljati jew żjarat ta' esperti fil-pajjiż. Huwa bbażat fuq l-abbundanza ta' informazzjoni disponibbli minn mekkaniżmi ta' monitoraġġ eżistenti, flimkien ma' dejta minn sorsi oħra, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali, ir-riċerka mwettqa minn istituzzjonijiet akkademiċi, esperti indipendenti, gruppi ta' esperti, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili eċċ.

Barra minn hekk, ir-rapport huwa bbażat fuq informazzjoni marbuta mal-korruzzjoni dwar firxa wiesgħa ta' oqsma ta' politika (eż. l-akkwist pubbliku, il-politika reġjonali,) li ġejjin minn varji dipartimenti tal-Kummissjoni u l-aġenziji rilevanti tal-UE (l-Europol u l-Eurojust). Studji u stħarriġiet kienu speċifikament ikkummissjonati għall-fini ta' estensjoni ulterjuri tal-bażi ta' għarfien f'oqsma rilevanti mar-rapport. Ġie kkummissjonat mill-OLAF studju

estensiv dwar il-korruzzjoni fl-akkwist pubbliku li jinvolvi l-Fondi tal-UE, imniedi fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew. Is-sejbiet tiegħu ddaħħlu kemm fil-kapitolu tematiku kif ukoll fil-kapitoli nazzjonali. Studju ieħor ittratta l-korruzzjoni fil-kura tas-saħħa. Żewġ stħarriġ tal-Ewrobarometru twettqu fl-2013: l-ewwel wieħed immira l-pubbliku ġenerali, it-tieni sar fuq kampjun rappreżentattiv ta' kumpaniji f'kull Stat Membru. Id-dejta dwar il-korruzzjoni fil-livell reġjonali ttieħdet mill-Istudju dwar il-Kwalità ta' Gvern imwettaq mill-Quality of Government Institute ta' Gothenburg. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni użat l-informazzjoni ġġenerata minn proġetti ta' riċerka kofinanzjati mill-UE, bħas-Sistema Nazzjonali tal-Integrità mir-rapporti mwettqa minn Transparency International.

Ir-Rapport tal-UE Kontra l-Korruzzjoni jibni wkoll fuq il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika (MKV), il-mekkaniżmu ta' segwitu ta' wara l-adeżjoni għar-Rumanija u l-Bulgarija li hu ġestit mill-Kummissjoni Ewropea. Filwaqt li dawn iż-żewġ mekkaniżmi jservu skopijiet differenti, ir-rapport attwali jiġbed fuq għarfien estensiv u l-lezzjonijiet miksuba fil-proċess MKV u jagħmel referenzi fiż-żewġ kapitoli dwar il-pajjiżi kif xieraq. Wara l-konklużjoni tal-proċedura MKV, dan ir-rapport se jkompli jsegwi dawk il-kwistjonijiet li huma rilevanti fil-kuntest tal-korruzzjoni.

Fir-rigward tal-Kroazja, ġiet miġbura informazzjoni estensiva bħala parti mill-proċess ta' qabel l-adeżjoni u monitoraġġ relatat. B'mod aktar ġenerali, il-monitoraġġ tal-isforzi kontra l-korruzzjoni li kien parti mill-proċess ta' tkabbir ġab ħafna lezzjonijiet utli li setgħu ġew applikati fil-kuntest, l-aktar fatturi li jaffettwaw is-sostenibbiltà ta' aġenda ta' kontra l-korruzzjoni.

***Il-proċess ta' tħejjija u għodod ta' appoġġ***

F'Settembru 2011, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni biex jitwaqqaf **grupp ta' esperti dwar il-korruzzjoni** li jappoġġja x-xogħol fuq ir-Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni. Il-grupp ta' esperti jagħti parir dwar il-metodoloġija kollha u l-valutazzjonijiet li hemm fir-rapport. Sbatax-il espert ġew magħżula wara sejħa pubblika fejn kważi 100 kandidat irreġistraw l-interess tagħhom. L-esperti magħżula jiġu minn varjetà wiesgħa ta' oqsma (awtoritajiet pubbliċi, l-infurzar tal-liġi, il-ġudikatura, is-servizzi ta' prevenzjoni, is-settur privat, is-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, ir-riċerka, eċċ). L-esperti jaġixxu fil-kapaċità personali tagħhom u ma jirrappreżentawx l-istituzzjonijiet li jiġu minnhom. Il-grupp beda x-xogħol tiegħu f'Jannar 2012 u laħaq medja ta' laqgħa kull tliet xhur.[50]

Il-Kummissjoni waqqfet ukoll **netwerk ta' korrispondenti lokali tar-riċerka**, li ilu jaħdem minn Awwissu 2012. In-netwerk jikkumplimenta l-ħidma tal-grupp ta' esperti, bil-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni rilevanti minn kull Stat Membru. Dan jikkonsisti minn esperti dwar il-korruzzjoni li ġejjin minn istituzzjonijiet tar-riċerka u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Sabiex jiġi żgurat approċċ imparzjali, 28 reviżur estern jissorveljaw ir-riżultati prinċipali tal-korrispondenti u joħorġu opinjoni dwar id-dritt ta' input tal-korrispondenti.

Il-Kummissjoni organizzat żewġ **sessjonijiet ta' ħidma** bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali (l-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni, is-servizzi tal-prosekuzzjoni, il-ministeri ta' koordinazzjoni), riċerkaturi, NGOs, ġurnalisti u rappreżentanti tan-negozju. L-ewwel sessjoni ta' ħidma saret f'Sofia, fil-11 ta' Diċembru 2012, li kopriet il-partijiet interessati minn 14-il

50 L-ismijiet tal-membri tal-grupp u l-minuti tal-laqgħat huma disponibbli fil-ħolqa li ġejja: http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/detailGroup.cfm?groupID=2725.

Stat Membru (AT, BG, CY, CZ, EL, ES, FR, HR, HU, IT, PT, RO, SK, SI). It-tieni sessjoni ta' ħidma saret fil-5 ta' Marzu, f'Gothenburg, l-Isvezja, li kopriet il-partijiet interessati mill-14-il Stat Membru li fadal (BE, DE, DK, EE, IE, LU, MT, NL, LT, LV, PL, SE, FI, UK). Is-sessjonijiet ta' ħidma kienu maħsuba biex jinfurmaw dwar ix-xogħol tal-Kummissjoni fuq ir-rapport u biex jinkisbu prattiki illustrattivi tajba u negattivi speċifiċi għall-pajjiż dwar kwistjonijiet relatati mal-korruzzjoni fl-Istati Membri.

Il-Kummissjoni rċeviet ukoll input minn awtoritajiet nazzjonali ta' kontra l-korruzzjoni li huma parti min-netwerk EPAC/EACN (l-Imsieħba Ewropej Kontra l-Korruzzjoni/Netwerk ta' Punt ta' Kuntatt Ewropew Kontra l-Korruzzjoni).

Il-Kummissjoni tat ukoll l-opportunità lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jaraw minn qabel l-abbozzi ta' kapitoli dwar il-pajjiżi rispettivi (mingħajr il-kwistjonijiet rakkomandati għal segwitu mill-Istati Membri) u biex jagħtu l-kummenti tagħhom. Dawn il-kummenti ġew ikkunsidrati bir-reqqa waqt it-tħejjija tar-rapport.

***Il-metodoloġija tal-valutazzjoni u l-użu ta' indikaturi***

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq valutazzjoni **kwalitattiva** aktar milli kwantitattiva. Il-valutazzjoni kwalitattiva kif indikat hawn fuq hija mmexxija mill-valutazzjoni ta' kull pajjiż fuq il-merti tagħha stess. Il-punt fokali hu fuq x'jaħdem u x'ma jaħdimx f'dak li għandu x'jaqsam mat-trattament tal-korruzzjoni f'pajjiż partikolari. Metodi kwantitattivi għandhom rwol inqas importanti, prinċipalment minħabba li huwa diffiċli li tagħti ċifra dwar kemm hija problema l-korruzzjoni, u saħansitra iktar diffiċli biex tikklassifika l-pajjiżi skont ir-riżultati. L-ostaklu għall-użu ta' approċċ kwantitattiv huwa relatat mal-fatt li stħarriġ magħruf għandu t-tendenza li jagħmel l-indiċijiet tiegħu bl-użu ta' dejta ta' oħrajn. Dan joħloq effett kaskata: indiċijiet komposti li jibnu fuq dan l-approċċ jistgħu jirriflettu dejta miġbura sena jew sentejn qabel il-pubblikazzjoni tagħhom. Stħarriġ għandu tendenza li juża pereżempju r-riżultati tal-Ewrobarometru; madankollu, sakemm l-indiċi kompost jiġi ppubblikat, stħarriġ ieħor aktar riċenti tal-Ewrobarometru jista' jkun disponibbli.

Stħarriġ ta' perċezzjoni, minħabba n-natura moħbija ta' korruzzjoni, jipprovdi matul iż-żmien indikatur importanti tal-firxa tal-problema. L-istħarriġ skont id-definizzjoni hu limitat għall-kamp ta' applikazzjoni tal-mistoqsijiet imwieġba u jiddependi ħafna fuq il-ftuħ ta' dawk li jwieġbu. Ir-riżultati ta' stħarriġ huma wkoll mingħajr dubju influwenzati minn avvenimenti li jseħħu waqt l-intervisti. Fl-istess ħin, meta pajjiż jieħu miżuri aktar iebsa kontra l-korruzzjoni li jwasslu biex aktar każijiet ikunu żvelati, aktar kopertura mill-midja u aktar għarfien pubbliku, stħarriġ ta' perċezzjoni jista' jwassal għal dinamika negattiva — aktar persuni minn qabel se jirrapportaw livelli għolja ta' korruzzjoni perċepita. Ukoll, it-tweġibiet jistgħu jkunu politikament preġudikati, li jassoċjaw il-popolarità ta' ċertu gvern mal-ineffettività fl-implimentazzjoni ta' politiki. Madankollu, is-sempliċi perċezzjoni ta' korruzzjoni mifruxa tista' titqies fiha nnifisha bħala indikatur ta' politiki ineffiċjenti.

Lil hinn mill-istħarriġ ta' perċezzjoni, hemm riċerka interessanti fuq korrelazzjoni bejn uħud mill-indikaturi ekonomiċi u soċjali u l-korruzzjoni. Pereżempju, il-korruzzjoni kienet eżaminata fid-dawl ta' korrelazzjoni potenzjali mar-rata ta' tkabbir ekonomiku, l-allokazzjoni ta' fondi pubbliċi, il-penetrazzjoni tal-internet, il-baġit għal prosekuzzjoni, u l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni. Madankollu, fil-prattika, kien hemm xi diffikultajiet fir-rigward ta' kapaċità biex tinġabar dejta kredibbli u komparabbli ta' kwalità għolja madwar l-Istati Membri kif ukoll biex jintwera b'mod konvinċenti r-rabta bejn dawk il-fatturi u l-korruzzjoni. Fl-aħħar nett, hemm diffikultà fit-tfassil tal-konklużjonijiet ċari orjentati lejn il-politika minn dawn il-korrelazzjonijiet.

Minkejja dawn il-limitazzjonijiet, il-Kummissjoni hija deċiża li twieżen l-indikaturi diġà eżistenti. Tfassal inventarju ta' dawn l-indikaturi, b'mod komprensiv kemm jista' jkun, mingħajr ġudizzju sostantiv dwar l-affidabbiltà/ir-rilevanza tad-dejta disponibbli. Il-lista inkisbet minn ġbir ta' dejta minn sthħarriġ diġà eżistenti (imwettqa mill-OECD, il-Bank Dinji, il-Forum Ekonomiku Dinji, Transparency International, minn akkademiċi, eċċ.), mill-istħarriġ Ewrobarometru, u minn bosta sorsi oħra. L-inventarju ma kienx imfassal biex ikun il-bażi ta' indiċi ġdid dwar il-korruzzjoni, iżda biex jipprovdi elementi ta' analiżi li jissupplimentaw il-valutazzjoni kwalitattiva li tinsab fil-qalba tar-rapport. Matul it-tħejjija tal-lista, il-Kummissjoni saret taf li jista' jkun hemm diffikultà fundamentali li wieħed jistrieħ primarjament fuq indikaturi u dejta statistika għat-twassil tal-problemi ewlenin ta' korruzzjoni, u l-iktar importanti għall-bini ta' rakkomandazzjonijiet azzjonabbli ta' politika mfassla apposta. Madankollu, inġabru indikaturi diġà stabbiliti rilevanti direttament għall-isforzi kontra l-korruzzjoni bl-appoġġ ta' dejta soda sabiex jeżaminaw is-sitwazzjoni fl-Istati Membri u jiġu identifikati oqsma għal analiżi aktar mill-qrib għal riċerka speċifika għal kull pajjiż. Din id-dejta (1) kienet użata għall-isfond tax-xena (jiġifieri l-introduzzjoni tal-kapitli tal-pajjiż), u (2) isservi bħala punt ta' tluq/kumplimentarju għal aktar riċerka fuq kwistjonijiet/setturi partikolari fil-livell tal-pajjiż u tal-UE b'indikazzjoni għall-indentifikazzjoni tal-problema u rispons għall-valutazzjoni. (3) fl-aħħar nett, għenet biex tidentifika flussi jew nuqqas ta' koerenza fis-sorsi differenti.

L-interpretazzjoni ta' statistika dwar il-ġustizzja kriminali fil-kuntest tal-korruzzjoni jisthoqqilha li tqanqal konsiderazzjoni. Fil-każ ta' reati serji bħal serq (theft,robbery), skassar jew attakk, wieħed jista' jistenna b'mod leġittimu li vittma se tirrapporta r-reat lill-pulizija. Għalhekk, l-istatistika tal-kriminalità tista' tindika l-iskala tal-problema. Il-korruzzjoni, b'differenza għal dawn ir-reati, hija moħbija, u f'ħafna każijiet ma hemm l-ebda vittma diretta li tista' tirrapporta r-reat. Għalhekk il-perċentwali ta' każijiet li ma nqabdux x'aktarx li jkun ħafna ogħla għall-korruzzjoni minn reati oħrajn.

Numru għoli ta' każijiet irrappurtati lill-korpi għall-infurzar tal-liġi, segwiti permezz tal-qrati u li jirriżultaw f'kundanni jistgħu jagħtu indikazzjoni tal-iskala tal-problema tal-korruzzjoni. Min-naħa l-oħra, dan juri wkoll stampa pożittiva: jista' jkun hemm inqas tolleranza lejn il-korruzzjoni, u għalhekk iktar rieda biex jiġi rrapportat ir-reat; il-korpi għall-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura huma mgħammra bil-mezzi meħtieġa biex jidentifikaw u jressqu każijiet ta' korruzzjoni. Il-kuntrarju huwa wkoll veru: numru baxx ta' każijiet irrapportati u prosekuzzjoni mhux neċessarjament juru livelli baxxi ta' korruzzjoni. Dan jista' jirriżulta mill-fatt li m'hemm l-ebda rieda għal kontra l-korruzzjoni, il-prosekuturi u l-imħallfin mhumiex motivati, u/jew ma jkollhomx l-istrumenti u r-riżorsi meħtieġa sabiex jittrattaw każijiet ta' korruzzjoni. Barra minn hekk, il-paragun tad-dejta dwar proċedimenti kriminali huwa diffiċli ħafna għal dawn iż-żewġ raġunijiet: L-ewwel nett, m'hemm l-ebda definizzjoni kriminali unifikata ta' korruzzjoni fl-Istati Membri, b'hekk dan iwassal għal reati marbuta mal-korruzzjoni biex jiġu rreġistrati b'modi differenti. It-tieni nett, fid-dawl tad-differenzi fil-proċeduri kriminali, pereżempju f'rekwiżiti li jikkonċernaw il-ġbir ta' evidenza, il-korruzzjoni tista' titressaq permezz ta' reati oħra (eż. permezz ta' frodi, ħasil tal-flus).

L-ammont ta' informazzjoni disponibbli dwar il-korruzzjoni, anki lil hinn minn każijiet kriminali, tvarja konsiderevolemt fost l-Istati Membri. Għal darb' oħra, l-interpretazzjoni tista' tkun doppja kif indikat hawn fuq. Fuq naħa waħda, tista' ssir korrelazzjoni bejn l-iskala tal-problema u l-kwantità tal-informazzjoni disponibbli. Min-naħa l-oħra hemm każijiet fejn il-korruzzjoni mhijiex prijorità u hemm relattivament ftit informazzjoni li tippermetti li titkejjel l-iskala tagħha u tevalwa jekk il-miżuri ta' politika humiex biżżejjed u effettivi. Din l-isfida metodoloġika żżid id-diffikultà li jsiru paraguni sinifikanti bejn l-Istati Membri.

*Miżuri sabiex tkun indirizzata l-korruzzjoni*

Ir-rapport jimxi mas-suppożizzjoni li m'hemm l-ebda soluzzjoni "waħda tajba għal kulħadd" għall-kwistjoni ta' korruzzjoni. Ma jipproponix soluzzjonijiet standardizzati għall-Istati Membri kollha: pereżempju, liema soluzzjonijiet (leġiżlattivi jew oħrajn) huma meħtieġa biex jindirizzaw l-isfida relatata ma kunflitti ta' interess tiddependi fuq varjetà ta' fatturi, inkluż il-punt sa fejn kunflitti huma diġà perċepiti bħala kwistjoni fil-pajjiż, liema normi kulturali huma fis-seħħ, u l-punt sa fejn normi ta' soċjetà rikonoxxuti jeħtieġu li jiġu riflessi fil-leġiżlazzjoni. Ir-rapport għandu l-għan li jippreżenta rakkomandazzjonijiet li jgħoddu għall-kuntest ta' kull Stat Membru.

L-istrateġiji komprensivi kontra l-korruzzjoni tqiesu għaxar snin ilu bħala riċetta universali għat-tqegħid tal-korruzzjoni fuq l-ogħla aġenda politika u biex tintlaħaq rieda politika u r-riżorsi. Madankollu, ir-riżultati kienu varjati. Filwaqt li f'xi każijiet, ix-xogħol dwar l-istrateġiji kien katalizzatur ta' progress ġenwin, f'xi oħrajn, strateġiji impressjonanti kellhom ftit jew ma kellhom l-ebda impatt fuq is-sitwazzjoni fuq il-post. Għalhekk, ir-rapport hu kawt meta jirrakkomanda l-adozzjoni ta' strateġiji, u dan jagħmlu biss fejn jidher li l-isforz tal-produzzjoni tal-istrateġija se jwassal għal attitudni pożittiva u titjib sinifikanti f'kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet.

B'mod simili għall-istrateġiji, l-aġenziji ta' kontra l-korruzzjoni saru popolari ħafna. Għal darb' oħra, segwew riżultati varjati. F'xi każijiet, fejn l-aġenziji jkollhom mandat b'saħħtu, tmexxija indipendenti u impenjata wasslet biex jintlaħaq żvilupp li jippermettulhom it-tressiq ta' każijiet ta' korruzzjoni f'livell għoli. F'każijiet oħra, l-istabbiliment ta' aġenziji seta' kellu influwenza negattiva fil-ħolqien tal-impressjoni li awtoritajiet oħra m'għandhomx bżonn jagħmlu s-sehem tagħhom tax-xogħol. Għalhekk, ir-rapport jivvaluta kull sitwazzjoni fuq il-merti tagħha u jikkunsidra ċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull pajjiż, mingħajr ma jimponi soluzzjoni "waħda tajba għal kulħadd".

Ir-rapport jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li ċerti awtoritajiet li jistgħu jaqdu rwol ewlieni fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni m'humiex adegwatament mgħammra b'riżorsi umani u finanzjarji. Il-Kummissjoni hija ferm konxja li fil-klima attwali ta' awsterità, l-allokazzjoni ta' aktar riżorsi għal ċerti istituzzjonijiet u l-isforzi ta' implimentazzjoni jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet serji. Madankollu, din l-allokazzjoni tista', f'ċerti sitwazzjonijiet, toffri ffrankar sostanzjali maż-żmien billi jitnaqqsu l-ispejjeż tal-korruzzjoni. Għalhekk ir-rapport, f'xi każijiet, jisħaq fuq il-prijorità għall-allokazzjoni ta' riżorsi għal korpi pubbliċi jew programmi speċifiċi ta' importanza ewlenija għall-prevenzjoni jew għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

***Sinerġija ma' mekkaniżmi ta' monitoraġġ eżistenti u l-valur referenzjarju għal valutazzjoni***

Fil-livell internazzjonali, il-mekkaniżmi eżistenti ewlenin għall-moniteraġġ u għall-evalwazzjoni huma l-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (il-GRECO), il-Grupp ta' Ħidma tal-OECD dwar it-Tixħim, u l-mekkaniżmu ta' valutazzjoni tal-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni (l-UNCAC). Sabiex tħejji dan ir-rapport, il-Kummissjoni ffokat b'mod estensiv fuq is-sejbiet ta' dawn il-mekkaniżmi (b'mod partikolari GRECO u l-OECD). Standards kontra l-korruzzjoni bħal dawk tal-UNCAC, jew dawk stabbiliti mill-GRECO u l-OECD (pereżempju, il-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Korruzzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tagħha, il-Konvenzjoni tal-Liġi Ċivili dwar il-Korruzzjoni, l-Għoxrin prinċipju gwida għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni adottati mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-

Ewropa dwar kodiċijiet ta' kondotta għal uffiċjali pubbliċi, u l-Konvenzjoni tal-OECD Kontra t-Tixħim) għandhom rwol importanti f'termini ta' referenza għall-evalwazzjoni.

Ir-rapport ma joffrix analiżi oħra teknika u dettaljata inkluża fir-rapporti tal-GRECO jew tal-OECD, minkejja li jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet tagħhom kull meta jkunu għadhom ma ġewx implimentati u rilevanti għal kwistjonijiet ewlenin enfasizzati kif identifikati għal kapitolu tal-pajjiż partikolari. Billi jġib fuq quddiem ir-rakkomandazzjonijiet magħżula li ġew identifikati qabel f'mekkaniżmi oħra, ir-rapport għandu l-għan li jippromwovi l-implimentazzjoni tagħhom.

Is-sinerġija mal-GRECO hija ta' importanza partikolari minħabba li tkopri l-Istati Membri kollha tal-UE kif ukoll pajjiżi Ewropej oħra ta' rilevanza għal tkabbir futur u s-Sħubija tal-Lvant. Il-Kummissjoni bħalissa qed tieħu miżuri li jgħinu bis-sħiħ l-adeżjoni tal-UE fil-ġejjieni, li jippermettu wkoll kooperazzjoni aktar mill-qrib fid-dawl ta' edizzjonijiet sussegwenti tar-Rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni.